# Il-Liġi Opportunitajiet INDAQS

(PERSUNI B'DIŻABILITÀ)
2000

TNAX-IL SENA TAL-LIĠI OPPORTUNITAJIET INDAQS

KUMMISSJONI NAZZJONALI
PERSUNI B'DIŻABILITÀ

www.knpd.org

# Il-Liġi Opportunitajiet INDAQS

## (PERSUNI B'DIŻABILITÀ) 2000

**RAPPORT ANNWALI 2011/12**

**TNAX-IL SENA TAL-LIĠI OPPORTUNITAJIET INDAQS**

**KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

Pubblikazzjoni:
**Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
Bugeia Institute, Santa Venera
Telefown: 2278 8555
*Fax*: 2278 8490
*SMS*: 7978 8555
*Email*: helpdesk@knpd.org
www.knpd.org

© Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità - 2012

Edituri: Anne-Marie Callus, Marianne Debono, Elvin Sciberras

**JOSEPH M CAMILLERI, ĊERMEN**

# Daħla

Matul is-sena 2011 kompliet tiżdied b'pass mgħaġġel il-ħidma tat-Taqsima tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (TLOI) fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD). Dan huwa riżultat ċar li ma' kull sena li tgħaddi, il-persuni b'diżabilità qed isiru dejjem aktar konxji tad-drittijiet ċivili tagħna u dejjem aktar insistenti u assertivi li dawn id-drittijiet jiġu mħarsa filwaqt li jkomplu jiżdiedu u jissaħħu l-opportunitajiet indaqs f'kull aspett tal-ħajja li qegħdin ngħixu.

Ħafna mill-ħidma legali tal-KNPD matul is-sena 2011/2012 kienet immirata lejn ir-ratifikazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, kif ukoll xogħol ieħor li jassigura li l-KNPD tkun lest meta din ir-ratifikazzjoni ssir. Imma fl-istess waqt l-ostakli soċjali li niffaċċjaw aħna fil-ħajja tagħna ta' kuljum baqgħu jfixklu l-andament ta' ħafna żgħażagħ, adulti u anzjani b'diżabilità. Għalhekk il-ħidma tat-TLOI ma qatgħet xejn matul l-2011/2012.

Fil-qosor ħafna, irridu nfakkru l-mod pożittiv li ħadmu magħna diversi *unions*. Grazzi għall-kollaborazzjoni u fiduċja sħiħa li kienet teżisti bejn ċerti *unions* u l-KNPD, it-TLOI rnexxielha tasal għal konklużjoni pożittiva ta' diversi każijiet individwali u

dan b'sodisfazzjon għall-partijiet kollha konċernati. L-istess nistgħu ngħidu għall-ħidma mal-Knisja: kemm f'Malta, kif ukoll f'Għawdex. Matul l-2011/2012 rajna żieda sostanzjali f'dik li hi aċċessibilità fil-knejjes parrokkjali.

Fir-rigward tat-trasport aċċessibbli, l-istorja kienet imħallta. Bla dubju l-bidla fis-sistema tat-trasport tal-karozzi tal-linja ġabet magħha perjodu ta' inċertezza għal min kien dera s-sistema l-antika, imma għall-persuni b'nuqqas ta' mobilità l-bidla ġabet xejn anqas minn rivoluzzjoni sħiħa. Għall-ewwel darba persuni bla dawl u persuni li jużaw siġġu tar-roti bdew jivvjaġġaw madwar il-gżejjer tagħna … weħidhom. U rridu ngħidu wkoll li għall-ewwel darba fl-istorja, il-persuni b'diżabilità bdew jilmentaw mal-KNPD dwar rotot, ħinijiet, attitudni ta' minoranza ta' sewwieqa … insomma l-istess ilmenti ta' min m'għandux diżabilità! Minn naħa pass pożittiv u eżempju tal-prinċipju ta' *mainstreaming*, u minn naħa oħra aktar xogħol għat-TLOI.

Nixtieq nieħu l-opportunità biex, f'isem il-persuni b'diżabilità kollha nirringrazzja lit-tim kollu tat-TLOI u nawgura li, kif dejjem għamlu, huma jibqgħu jsegwu l-każijiet eżistenti u dawk ġodda bid-determinazzjoni u tenaċità li saret magħrufa għalihom il-KNPD fil-ħidma tagħha matul dawn l-aħħar 25 sena.

Din is-sena wkoll kellna lment interessanti minn persuni b'diżabilità li ma setgħux jibbukkjaw kabina aċċessibbli fuq *cruise liner*. Dan għaliex il-kumpaniji barranin mhumiex jallokaw kabini aċċessibbli lill-aġenti tal-ivvjaġġar Maltin. Każ ċar ta' diskriminazzjoni fuq bażi lokali, kif ukoll Ewropew, u wieħed li l-KNPD qed tagħmel l-almu tagħha biex issolvi b'mod pożittiv.

**Joe Camilleri**
**Chair Kummissjoni Nazzjonali**
**Persuni b'Diżabilità**

# Sommarju Eżekuttiv

- Fl-ewwel 12-il sena ta' ħidma, il-KNPD b'kollox investigat 1196 ilment, medja ta' 100 ilment fis-sena. L-iżgħar numru ta' lmenti ġodda ġie investigat fis-sena 2003/2004 (71) filwaqt li l-ikbar numru ġie investigat fis-sena 2008/2009 (172).
- Matul is-sena 2011/2012 il-KNPD ħadmet fuq total ta' 274 ilment, 152 li kienu pendenti mis-snin ta' qabel u 122 ilment ġdid. Dan ifisser żieda ta' 15-il ilment mis-sena l-oħra.
- In-numru ta' lmenti ġodda għal din is-sena (122) jfisser żieda ta' 26 ilment mis-sena l-oħra. Dan għaliex is-sena l-oħra l-KNPD ħadmet fuq 96 ilment ġdid.
- Fil-qasam tal-impjiegi, in-numru ta' lmenti ġodda tela' minn 19 għal 20 ilment.
- Fil-qasam tal-edukazzjoni, in-numru ta' lmenti ġodda kien l-istess bħas-sena l-oħra (19-il ilment).
- Għal sena oħra, il-qasam tal-aċċessibilità ma kienx l-aktar qasam li dwaru l-KNPD irċeviet ilmenti. Fil-fatt din is-sena ġew reġistrati 31 ilment ġdid, li jfisser żieda ta' 6 ilmenti mis-sena l-oħra.
- Il-qasam tal-għoti ta' oġġetti u servizzi reġa' kkonferma ruħu bħala l-aktar qasam li dwaru l-KNPD irċeviet ilmenti ġodda. Fil-fatt din is-sena ġew reġistrati 42 ilment ġdid, żieda ta' 11-il ilment mis-sena l-oħra.

- Għal din is-sena fil-qasam tad-djar ġew reġistrati 8 ilmenti ġodda, li huwa l-ogħla numru li qatt ġew reġistrati lmenti f'dan il-qasam f'sena waħda. Fil-fatt matul din is-sena kien hemm żieda ta' 6 ilmenti mis-sena l-oħra.
- Ġew reġistrati wkoll 2 ilmenti fil-qasam tal-assigurazzjoni, wara li s-sena l-oħra ma ġie reġistrat l-ebda lment.
- L-ikbar numru ta' lmenti ġodda relatati mal-qasam tal-impjiegi (11), mal-edukazzjoni (16), mal-għoti ta' oġġetti u servizzi (22) u mad-djar (5) saru fil-konfront tal-Gvern. L-ikbar numru ta' lmenti relatati mal-qasam tal-aċċessibilità (13) saru fil-konfront tal-Kunsilli Lokali u l-ikbar numru ta' lmenti relatati mal-qasam tal-assigurazzjoni (2) saru fil-konfront tal-privat.
- Matul din is-sena l-KNPD irċeviet aktar ilmenti fil-konfront tas-settur pubbliku (79) milli lmenti fil-konfront tas-settur privat (43) bir-raġuni tista' tkun li dan tal-ewwel jipprovdi firxa aktar wiesgħa ta' servizzi minbarra li huwa ferm ikbar fid-daqs.
- Meta mqabbla mas-sena li għaddiet, jirriżulta li l-ilmenti ġodda fil-konfront tal-Gvern żdiedu minn 52 għal 61 ilment, fil-konfront tal-parastatali naqsu minn 6 għal 1, fil-konfront tal-Kunsilli Lokali żdiedu minn 9 għal 17, fil-konfront tal-Knisja naqsu minn 5 għal 2, filwaqt li fil-konfront tal-privat żdiedu minn 24 għal 41 ilment.
- Matul din is-sena l-KNPD irnexxielha tagħlaq 97 ilment, jew 35% tal-ilmenti li ħadmet fuqhom. Dan ifisser tnaqqis ta' 10 ilmenti mis-sena l-oħra. L-ikbar numru ta' lmenti magħluqa kienu fil-konfront tal-Gvern (54). Għalqet ukoll 31 ilment fil-konfront tal-privat, 10 ilmenti fil-konfront tal-Kunsilli Lokali kif ukoll 2 ilmenti fil-konfront tal-Knisja.
- Apparti l-ilmenti ġodda li se tirċievi fis-sena li ġejja, il-KNPD se taħdem fuq 164 ilment li ma rnexxilhiex tagħlaq matul din is-sena. Minn dawn, 71 ilment jikkonċernaw lill-privat, 42 ilment lill-Gvern, 35 lill-knisja, 13-il ilment lill-Kunsilli Lokali u 3 ilmenti lill-parastatali.

- Hemm ukoll 13-il ilment li tħalla miftuħ li spiċċa quddiem il-Qorti billi nfetħet kawża jew inkella ġie pprezentat protest ġudizzjarju. Minn dawn, 12 jikkonċernaw lill-privat filwaqt li każ ieħor jikkonċerna lill-Gvern. Erbgħa minn dawn huma relatati mal-aċċessibilità fiżika filwaqt li d-9 l-oħra huma relatati mal-għoti ta' oġġetti u servizzi.

- In-numru ta' każijiet li ġew ippreżentati lill-Bord Dwar X'Inhu Raġonevoli kien ta' 76, li jfisser 14-il każ aktar mill-medja għad-9 snin li ilu jopera. Dan huwa wkoll it-tielet l-ogħla numru mid-9 snin kollha. Din l-aħħar sena kienet l-iktar waħda li fiha kien hemm każijiet li ġew aċċettati mill-Bord bħala raġonevoli Iżda b'ċerti kundizzjonijiet (35 jew 46% tal-każijiet li ġew ikkunsidrati).

# Ħarsa Lejn l-Ilmenti Prinċipali

Il-KNPD hi responsabbli, fost affarijiet oħra, li tassigura li l-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) tiġi mħarsa u b'dan il-mod jiġu rispettati l-interessi tal-persuni b'diżabilità u tas-soċjetà kollha b'mod ġenerali. Kif wieħed jinduna mill-isem tagħha, din hi Liġi antidiskriminatorja fejn is-suċċess tagħha jitkejjel primarjament mill-bidla pożittiva li ġġib fil-ħajja tal-persuni b'diżabilità. Kif għamlet kull sena minn meta daħlet fis-seħħ din il-Liġi, il-KNPD qed tippreżenta rapport tal-ħidma li wettqet matul it-tnax-il xahar ta' qabel, f'dan il-każ bejn Ottubru 2011 u Settembru 2012. Ir-rapporti ta' ħidma li tippreżenta l-KNPD jibdew minn Ottubru u mhux minn Jannar minħabba li l-Liġi daħlet kollha fis-seħħ f'Ottubru tal-2000. Dan ifisser li wasalna fit-tnax-il sena ta' tħaddim ta' din il-Liġi u kif jista' jiġi nnutat f'din il-pubblikazzjoni, reġa' kien hemm żviluppi interessanti dwar liema oqsma tal-Liġi qed jolqtu lill-persuni b'diżabilità f'pajjiżna. Dawn l-iżviluppi jagħtu indikazzjoni tal-bidla li qed issir fil-ħajja tal-persuni b'diżabilità, kemm f'termini ta' kwantità, kwalità imma anke taż-żmien kemm iddum biex isseħħ il-bidla.

It-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs hija taqsima żgħira fi ħdan is-segretarjat tal-KNPD li tikkoordina din il-ħidma. L-iskop tat-Taqsima huwa li tinvestiga l-ilmenti li tirċievi minn persuni li jħossuhom diskriminati minħabba d-diżabilità u tfittex li jinstabu rimedji fi żmien raġonevoli. Ta' min jirrimarka li b'mod ġenerali t-Taqsima tintervjeni

wara li l-persuni b'diżabilità jkunu diġà ressqu l-ilment tagħhom lill-entità inkwistjoni iżda ma jkun ġara xejn. Dan isir sabiex kif dejjem tinkoraġġixxi l-KNPD, il-persuni b'diżabilità jitkellmu għalihom infushom. Fil-każ li jkun hemm persuni li jħossuha diffiċli kif se jressqu l-ilment tagħhom lill-entità, il-KNPD tipprovdilhom kampjun ta' ittra ta' lment.

Fil-preżent il-membri ta' din it-Taqsima huma kif ġej:

- Is-Sur Joseph M Camilleri, Ċermen tal-KNPD
- Dr Anne-Marie Callus, Direttur Eżekuttiv tal-KNPD
- Is-Sra Marianne Debono, *Manager* tat-Taqsima
- Is-Sur Elvin Sciberras, *Assistant Manager*
- Is-Sra Victoria Grech, *Assistant Services Officer*
- Dr Peter Fenech, Konsulent Legali

Taqsima III tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs tagħti dettalji dwar l-oqsma li fihom ma tistax issir diskriminazzjoni kontra persuni minħabba d-diżabilità tagħhom. Dawn l-oqsma huma mqassma f'ħames Titoli prinċipali li huma:

1. Impjiegi
2. Edukazzjoni
3. Dħul (aċċess fiżiku)
4. Għoti ta' oġġetti, faċilitajiet jew servizzi
5. Akkomodazzjoni (djar)

Minbarra dawn, Titolu 6 fl-istess Liġi jagħti dettalji dwar eżenzjonijiet. Dan it-Titolu jipproteġi wkoll lill-persuni b'diżabilità minn diskriminazzjoni fejn tidħol assigurazzjoni.

Din il-parti tar-rapport tagħti ħarsa lejn l-ilmenti prinċipali li ħadmet fuqhom il-KNPD fl-aħħar sena billi tagħti rendikont dwarhom. Dawn l-ilmenti huma magħżulin skont il-qasam li jappartjenu filwaqt li kull qasam huwa maqsum fi tlieta:

- Ilmenti magħluqa;
- Ilmenti li dwarhom għaddejjin diskussjonijiet (jew miftuħa);
- Ilmenti quddiem il-Qorti jew l-Arbitraġġ.

*In-numru ta' kull ilment skont it-Tabella f'paġna 40 jidher wara l-isem tal-ilment.*

# 1. IMPJIEGI

## ILMENTI MAGĦLUQA

### Akkomodazzjoni għal żewġ għalliema fi skejjel tal-Gvern (Ilmenti 2, 3)

Matul din is-sena l-KNPD investigat u rnexxielha tagħlaq żewġ ilmenti li rċeviet mingħand żewġ għalliema b'diżabilità li jaħdmu fi skola tal-Gvern sabiex jiġi żgurat li tingħatalhom l-akkomodazzjoni raġonevoli li għandhom bżonn minħabba d-diżabilità tagħhom. Ta' min jgħid li fl-investigazzjoni ta' dawn l-ilmenti kien hemm koordinazzjoni sħiħa bejn l-Employee Support Unit tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-KNPD, id-Direttorat għal Servizzi Edukattivi u l-Malta Union of Teachers.

### Akkomodazzjoni fuq il-post tax-xogħol għal ġenitur ta' tifel b'diżabilità (Ilment 9)

Il-KNPD intalbet tintervjeni dwar każ ta' omm li taħdem ma' kumpanija privata u li kellha bżonn ta' akkomodazzjoni fuq il-post tax-xogħol. Ir-raġuni hija li b'mod frekwenti jkollha takkumpanja lil binha b'diżabilità l-Isptar għal trattament. Wara diversi diskussjonijiet, fosthom anke mal-General Workers' Union, il-*management* tal-kumpanija fehem il-bżonnijiet ta' din l-omm u ddeċieda li għandu jaċċetta t-talbiet li ressqet għal perjodu ta' sitt xhur fejn wara dawn imbagħad l-omm trid tagħmel talba ġdida.

### Akkomodazzjoni fuq il-post tax-xogħol wara l-*leave* tal-maternità (Ilment 13)

Il-KNPD irċeviet ilment minn persuna b'diżabilità li taħdem fir-Residenza San Vinċenz de Paule li kienet qed issib diffikultà biex tirritorna fix-xogħol li kellha wara li ħadet *leave* tal-maternità. B'mod partikulari din il-persuna speċifikat li minħabba l-kundizzjoni tagħha ma tistax taħdem l-ammont ta' ġranet u sigħat li ġiet offruta mill-*management* tal-Isptar. Wara li l-KNPD għamlet kuntatt mal-persuni responsabbli, instabet soluzzjoni u l-ilment ingħalaq.

### Fastidju fuq il-postijiet tax-xogħol (Ilmenti 16, 17, 18)

Il-KNPD irċeviet tlett ilmenti dwar fastidju fuq il-postijiet tax-xogħol lil persuni b'diżabilità intellettwali jew persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali. F'żewġ każijiet minnhom is-sitwazzjoni tranġat wara diskussjonijiet li l-KNPD kellha mal-*employers*, fejn f'każ minnhom intervjeniet anke l-General Workers' Union. Madankollu fil-każ l-ieħor il-persuna b'diżabilità li lmentat iddeċidiet li titlaq mix-xogħol.

### Bżonn ta' trasport aċċessibbli għall-post tax-xogħol u lura (Ilment 23)

L-Employee Support Unit fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru rrefera lill-KNPD każ ta' persuna b'diżabilità li taħdem fis-servizz pubbliku u li ta' kuljum kienet qed issib diffikultajiet biex tasal sal-post tax-xogħol u tmur lura d-dar. Il-KNPD għamlet kuntatt ma' din il-persuna u rreferietha għas-servizz ta' trasport aċċessibbli individwalizzat immexxi minn Dar il-Kaptan.

## ILMENTI MIFTUĦA

### Bżonn ta' akkomodazzjoni minħabba t-trattament li jkollha bżonn fl-isptar (Ilment 14)

Il-KNPD ġiet ikkuntattjata minn persuna b'diżabilità li taħdem ma' kumpanija privata u li l-kuntratt tax-xogħol tagħha wasal biex jiskadi. Din il-persuna kienet preokkupata li l-kuntratt tagħha mhux se jiġi mġedded minħabba li jkollha tmur ta' spiss l-isptar għal trattament marbut mal-kundizzjoni tagħha. Talbet ukoll għal akkomodazzjoni fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha sabiex tkun tista' żżomm l-impjieg. Il-KNPD għamlet kuntatt mal-*management* tal-kumpanija u għadha qed tinvestiga l-każ.

## QORTI JEW ARBITRAĠĠ

Ma kien hemm l-ebda każ fil-qasam tal-impjiegi li mar quddiem il-Qorti jew arbitraġġ.

# 2. EDUKAZZJONI

## ILMENTI MAGĦLUQA

**Rifjutata applikazzjoni ta' persuna b'*dyslexia* biex tidħol fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport (Ilment 33)**

Il-KNPD irċeviet ilment mingħand ġenituri ta' studenta li għandha *dyslexia* li ma ġietx aċċettata fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport bir-raġuni tkun li ġabet marki baxxi fl-eżami tal-Ingliż. Waqt l-investigazzjonijiet ta' dan l-ilment, id-Diviżjoni tal-Edukazzjoni spjegat lill-KNPD dwar il-mod kif isiru l-għażliet tal-istudenti, u fil-fatt irriżulta li f'dan il-każ kien ċar li kien hemm nuqqas ta' ftehim bejn l-amministrazzjoni tal-iskola u l-ġenituri. Fil-fatt b'riżultat ta' dawn id-diskussjonijiet, l-istudenta ġiet aċċettata biex tibda tattendi f'din l-iskola.

**Student bi mġiba diffiċli ħafna ma jitħalliex ikompli jattendi l-iskola sakemm jiġi eżaminat minn psikjatra u jingħata l-kura (Ilment 36)**

Il-KNPD irċeviet u għalqet ilment b'rabta ma' nuqqas ta' akkomodazzjoni għal student b'diżabilità fi skola tal-Gvern. Dan l-istudent li għandu mġiba diffiċli ħafna ntalab li jiġi eżaminat minn psikjatra u jieħu l-kura li għandu bżonn biex jitħalla jattendi fl-skola. Min-naħa tal-ġenituri tiegħu, dawn sostnew li din l-imġiba diffiċli hija riżultat tal-attitudni negattiva li l-*Learning Support Assistant* juri fil-konfront ta' binhom. Wara ħidma bejn id-Dipartiment għas-Servizzi tal-Istudenti, l-iskola inkwistjoni u l-KNPD, is-sitwazzjoni ġiet riżolta u dan l-istudent qed jattendi wkoll Ċentru tar-Riżorsi darbtejn fil-gimgħa.

**Student bl-awtiżmu jkollu jibqa' d-dar għax m'hemmx superviżjoni fit-trasport tal-iskola (Ilment 47)**

Ġenituri ta' student b'diżabilità li jattendi skola sekondarja għamlu lment minħabba li t-tifel tagħhom ma setax jattendi aktar l-iskola. Ir-raġuni hija li l-*Learning Support Assistant* tiegħu ma kienx qed jagħmel superviżjoni fil-ħin tat-trasport tal-iskola. Dan wara direttiva li ħarġet mill-Malta Union of Teachers. Wara diskussjonijiet li kien hemm, intlaħaq ftehim bejn id-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi u l-Malta Union

of Teachers biex issa t-tifel reġa' qed jattendi l-iskola minħabba li qed ikollu s-superviżjoni li huwa jeħtieġ waqt il-ħin tat-trasport.

## ILMENTI MIFTUĦA

### Arranġamenti fil-karti tal-eżamijiet (Ilment 38)

Il-KNPD irċeviet ilmenti minn ġenituri ta' studenti b'nuqqas intellettwali li dawn mhumiex qed jingħataw karti tal-eżami modifikati li jirriflettu l-livell ta' xogħol li jagħmlu l-istudenti, u dan minħabba direttiva li nħarġet mill-Malta Union of Teachers. Il-KNPD għamlet kuntatt mal-*Union* rigward dan kif ukoll sejħet laqgħa bit-tama li tinstab soluzzjoni. Il-KNPD insistiet mal-*Union* li għandha tiġi kkonsultata kull meta tinħareġ direttiva li tolqot lill-persuni b'diżabilità. F'din il-laqgħa kien ġie deċiż li għandha tissejjaħ laqgħa oħra bejn il-KNPD, il-*Union* u d-Diviżjoni tal-Edukazzjoni biex tinstab soluzzjoni għall-ġid tal-istudenti u li tkun tissodisfa lil kulħadd. Din il-laqgħa saret u l-KNPD għadha qed issegwi l-iżviluppi tagħha.

### Nuqqas ta' akkomodazzjoni waqt l-eżami tal-*Home Economics* (Ilment 41)

Il-KNPD irċeviet ilment rigward nuqqas ta' akkomodazzjoni għal studenta b'diżabilità li tuża siġġu tar-roti. Din l-istudenta rrappurtat li qed issegwi kors tal-*Home Economics* fi skola sekondarja tal-Gvern iżda biex tkun tista' tagħmel l-eżami tas-SEC, teħtieġ apparat li huwa adattat għall-bżonnijiet tagħha. Il-KNPD għamlet kuntatt mal-awtoritajiet konċernati biex din is-sitwazzjoni tissolva u b'dan il-mod l-istudenta tkun tista' tkompli l-kors tagħha.

## QORTI JEW ARBITRAĠĠ

Ma kien hemm l-ebda każ fil-qasam tal-edukazzjoni li mar quddiem il-Qorti jew arbitraġġ.

# 3. DĦUL (AĊĊESS FIŻIKU)

## ILMENTI MAGĦLUQA

### Aċċessibilità fl-MCP Car Park tal-Furjana (Ilment 134)

Il-KNPD irċeviet ilmenti dwar l-aċċessibilità fiżika fl-MCP Car Park tal-Furjana. Waqt laqgħa li saret ma' rappreżentanti tal-kumpanija li tmexxi dan il-parkeġġ privat, il-KNPD ġiet infurmata li bħala parti mill-proġett ta' Bieb il-Belt is-sistema ta' dħul u ħruġ tal-parkeġġ se jkollha tinbidel u li l-ispjazju li hemm bejn ir-reklami fuq il-bankina se jingħalaq biex ħadd ma jkun jista' jgħaddi minnu u jiġi evitat il-periklu. Waqt din il-laqgħa l-KNPD talbet ukoll li l-parkeġġi riżervati tal-persuni b'diżabilità m'għandhomx jintużaw għal servizzi oħra filwaqt li fuq it-tabelli tagħhom għandu jiġu indikat l-ammont tal-multa li wieħed għandu jħallas jekk jinqabad jabbuża mill-parkeġġi. Sussegwentement ġie nnutat li dak li ġie diskuss fil-laqgħa ġie esegwit mill-*management* tal-kumpanija u għalhekk il-KNPD għalqet l-ilment.

### Aċċessibilità fil-Lukanda Dolmen (Ilment 91)

Matul din is-sena l-KNPD għalqet l-ilment dwar nuqqas ta' kmamar aċċessibbli fil-Lukanda Dolmen tal-Qawra. Wara li ntbagħtet ittra lill-*management* tal-lukanda u saru laqgħat fuq il-post bejn iż-żewġ naħat, kien intlaħaq ftehim li x-xogħol meħtieġ għandu jitlesta fi żmien stipulat. Fil-fatt dan ix-xogħol tlesta matul l-aħħar sena bir-riżultat li issa l-lukanda għandha biżżejjed kmamar li huma aċċessibbli għal kulħadd, li jinkludu kmamar b'*showers* aċċessibbli. Ta' min isemmi li l-*management* tal-Lukanda kkopera bis-sħiħ mal-KNPD fosthom billi talab pariri sabiex jassigura li n-nuqqasijiet li nġibdet l-attenzjoni dwarhom jiġu indirizzati b'mod tajjeb. Eventwalment il-KNPD ġiet infurmata mill-*management* li qed ikollu domanda tajba għall-kmamar li saru aċċessibbli mill-persuni b'diżabilità.

### Aċċessibilità fl-entratura tal-Istitut Kattoliku tal-Furjana (Ilment 58)

Il-KNPD irnexxielha tagħlaq l-ilment dwar nuqqas ta' aċċessibilità fl-Istitut Kattoliku wara li twaħħal *platform*

*lift* skont il-Linji Gwida *Access for All* fl-entratura tal-bini. Ta' min jgħid li wara diversi diskussjonijiet mal-Knisja ta' Malta fejn ġew eżaminati diversi soluzzjonijiet li jipprovdu aċċessibilità għal kulħadd fil-bini, instab li l-istallazzjoni ta' *platform lift* mal-ġenb tat-taraġ li hemm fl-entratura kienet l-unika waħda possibbli. Minkejja li l-ilment ingħalaq, il-KNPD talbet lill-Knisja ta' Malta taħdem fuq pjan biex is-sala prinċipali tal-Istitut issir aċċessibbli għal kulħadd fosthom billi jiġi pprovdut *seating* għall-persuni b'diżabilità.

## ILMENTI MIFTUĦA

### Aċċessibilità fl-Evans Building (Ilment 50)

Il-KNPD kompliet issegwi mill-viċin l-ilment dwar nuqqas ta' aċċessibilità fl-Evans Building, minn fejn joperaw diversi entitajiet tal-Gvern fosthom l-Uffiċċju tal-Passaporti u r-Reġistru Pubbliku. Matul is-sena l-oħra saru żewġ laqgħat biex jiġi stabbilit liema hi l-aħjar soluzzjoni peress li kien hemm diffikultajiet tekniċi. Fil-fatt ġie deċiż li għandha ssir rampa tal-injam fuq il-foss (in-naħa ta' Triq il-Merkanti) li tagħmilha possibbli għall-persuni b'nuqqas ta' mobilità jaslu sal-ewwel sular tal-bini minn fejn imbagħad jistgħu jużaw lift eżistenti li jipprovdi aċċess għas-sulari ta' fuq. Matul din is-sena l-Perit tal-KNPD iddisinja rampa aċċessibbli u ta pariri dwar il-materjal li għandu jintuża. Saret anke applikazzjoni lill-MEPA f'dan ir-rigward u beda x-xogħol fuq il-ħruġ ta' tender. Bħala soluzzjoni temporanja sakemm titlesta r-rampa, l-Uffiċċju tal-Passaporti beda jipprovdi servizz lill-persuni b'diżabilità mis-sular t'isfel (entratura mill-Uffiċċju tal-*ID Cards*) li huwa aċċessibbli.

### Entratura aċċessibbli fil-knejjes parrokkjali ta' Għawdex (Ilment 56)

Il-KNPD kompliet ukoll iżżomm kuntatt mad-Djoċesi ta' Għawdex biex jiġi reġistrat progress fl-aċċessibilità tal-knejjes parrokkjali. Wara li għal xi żmien deher li l-affarijiet kienu mexjin bil-mod wisq, minn din is-sena kien hemm bidla fl-istrateġija użata billi bi ftehim mad-Djoċesi, il-KNPD bdiet tagħmel kuntatt dirett mal-kappillani filwaqt li żżomm lid-Djoċesi aġġornata. Ta' min jgħid li matul din is-sena kien hemm knisja waħda li

saret aċċessibbli (Kerċem), tliet knejjes (Bażilika ta' San Ġorġ fir-Rabat, il-Katidral fir-Rabat u l-knisja tal-Għarb) saritilhom applikazzjoni lill-MEPA biex isiru aċċessibbli, filwaqt li nħareġ tender biex knisja oħra (Munxar) ssir aċċessibbli wara li nħareġ il-permess tal-MEPA.

### Entratura aċċessibbli fil-knejjes parrokkjali ta' Malta (Ilment 57)

Bil-kollaborazzjoni mad-Djoċesi ta' Malta, il-KNPD kompliet bil-ħidma tagħha biex il-knejjes parrokkjali f'Malta jsiru aċċessibbli għal kulħadd. Matul din is-sena saret laqgħa oħra bejn iż-żewġ naħat fejn il-KNPD ġiet ippreżentata b'aġġornament dwar is-sitwazzjoni preżenti tal-aċċess fiżiku f'diversi knejjes li dwarhom għaddejjin diskussjonijiet. Fil-fatt ġie deċiż li lmenti dwar xi knejjes għandhom jingħalqu peress li nħoloq aċċess għal kulħadd. Fil-każ ta' knejjes oħra li dwarhom għad hemm l-ilmenti, il-KNPD kitbet lill-kappillani u anke ltaqgħet ma' xi wħud minnhom fuq il-post, fejn talbet li fi żmien raġonevoli jittieħdu l-passi meħtieġa biex isiru aċċessibbli. Ir-rispons kien wieħed pożittiv u x-xogħol f'dan ir-rigward miexi b'ritmu tajjeb.

### Aċċessibilità f'Portomaso (Ilment 81)

Il-KNPD kompliet ukoll tinvestiga l-ilment dwar aċċess fiżiku f'Portomaso. Minħabba li l-KNPD ġiet mgħarrfa li saru xogħlijiet oħra relatati mal-aċċess fiżiku (skont kif maqbul bejn iż-żewġ naħat), matul is-sena saret laqgħa fuq il-post biex jiġi kkonfermat li dan ix-xogħol huwa aċċettabbli għall-KNPD. Dan kien jinkludi twaħħil ta' tabella li tindika fejn tinsab l-entratura aċċessibbli għall-kumpless, aċċess għal ristorant f'livell –1 u twaħħil ta' poġġaman tul rampa li tagħti aċċess għal żewġ ristoranti f'livell -3. F'din il-laqgħa sar qbil li għandu jsir xogħol fuq ristorant f'livell –2, li jkun ifisser li meta jitlesta l-kumpless kollu jkun sar aċċessibbli. Il-KNPD b'sodisfazzjon tinnota l-isforzi ġenwini li wriet il-kumpanija minn meta nfetaħ l-ilment billi kkoperat bis-sħiħ mal-KNPD u ħadmet bis-sħiħ biex jitjieb l-aċċess fiżiku minkejja diffikultajiet tekniċi.

## Aċċessibilità fil-ħanut Europharma ta' Birkirkara (Ilment 87)

Il-KNPD żammet ukoll kuntatt mas-sidien tal-ħanut Europharma f'Birkirkara biex isib soluzzjoni għan-nuqqas ta' aċċess fl-entratura tal-ħanut u l-faċilitajiet sanitarji. Ta' min jgħid li wara li nfetaħ l-ilment, is-sidien għamlu applikazzjoni lill-MEPA biex il-ħanut isir aċċessibbli u wara li skont il-proċedura l-pjanti ntbagħtu lill-KNPD għall-ivvettjar, irriżulta li dawn huma skont il-Linji Gwida *Access for All.* Sfortunatament ġara li għal xi żmien is-sidien naqsu milli jipprovdu l-informazzjoni mitluba mill-KNPD, tant li anke nqabeż it-terminu ta' żmien meta kellu jitlesta x-xogħol. Skont is-sidien, id-dewmien kien kawżat minħabba li biddlu l-perit kif ukoll minħabba li ddeċidew li jixtru l-*platform lift* mingħand aġent ieħor. Riċentement ġie kkonfermat li nxtara l-*platform lift* u fil-fatt dan qed jiġi stallat fl-entratura tal-ħanut. Il-KNPD se tkompli ssegwi l-każ u tinsisti li x-xogħol inkwistjoni jitlesta fi żmien raġonevoli.

## Lukandi Excelsior fil-Furjana u Riviera fil-Mellieħa (Ilmenti 89, 90)

Il-KNPD kompliet tinvestiga l-ilmenti dwar nuqqas ta' aċċessibilità f'dawn iż-żewġ lukandi.

Fir-rigward tal-Excelsior, fl-2009 kien sar rapport dettaljat mill-KNPD b'rakkomandazzjonijiet li ntbagħat lis-sidien tal-lukanda biex jiġu implimentati fi żmien raġonevoli. Wara li għal xi żmien is-sidien ma kinux qed jipprovdu l-informazzjoni mitluba mill-KNPD, matul din is-sena saret laqgħa oħra fuq il-post bil-għan li jiġu solvuti l-kwistjonijiet pendenti dwar aċċessibilità għal kulħadd. Dawn il-kwistjonijiet jinkludu l-bini ta' rampa li tagħti aċċess għall-*pool* ta' barra kif ukoll ix-xiri ta' *portable pool lift* li jassisti persuni b'nuqqas ta' mobilità biex jinżlu fil-*pool.* Matul din il-laqgħa l-KNPD ġiet infurmata mis-sidien li x-xogħlijiet fuq ir-rampa se jibdew wara s-sajf ta' din is-sena kif ukoll li beħsiebhom jieħdu parir mingħand il-KNPD dwar it-tip ta' *portable pool lift* li għandu jinxtara. Fil-fatt dan il-parir ingħata u issa l-KNPD qed tistenna li l-*lift* jinxtara.

Fir-rigward tar-Riviera, l-ilment huwa dwar in-numru ta' kmamar aċċessibbli li għandu jkun hemm fil-lukanda. Wara li s-sidien insistew li n-numru ta' kmamar aċċessibbli mitlub mill-KNPD mhuwiex raġonevoli, eventwalment aċċettaw it-talba tal-KNPD u fil-fatt bħalissa għaddej ix-xogħol biex il-lukanda tiġi konformi mal-Linji Gwida *Access for All*. Is-sidien obbligaw ukoll ruħhom li kull tibdil strutturali fil-futur se jsir b'konformità ma' dawn il-Linji Gwida.

### Aċċessibilità fil-Kumpless Sportiv u l-Pixxina Nazzjonali f'Tal-Qroqq (Ilment 107)

Komplew ukoll id-diskussjonijiet mal-Kunsill Malti għall-Isport (KMS) dwar in-nuqqas ta' aċċessibilità fil-Kumpless Sportiv u l-Pixxina Nazzjonali. Fir-rigward tal-Pixxina Nazzjonali, matul is-sena l-oħra nxtara *portable pool lift* li llum qiegħed jintuża. Fir-rigward tal-Kumpless Sportiv, matul din is-sena l-Perit tal-KNPD spezzjona l-bini u għamel rapport estensiv li jindika diversi punti li għandhom jiġu indirizzati biex dan isir aċċessibbli għal kulħadd. Dan ir-rapport intbagħat lill-KMS fejn intalab jippreżenta termini ta' żmien raġonevoli għal kull punt li jissemma fir-rapport.

### Ristoranti fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (Ilment 130)

Il-KNPD għamlet kuntatt mal-*management* tal-Ajruport dwar nuqqas ta' aċċessibilità għal kulħadd fir-ristoranti li jinsabu fil-livell -1 tal-Ajruport. Dan in-nuqqas ta' aċċessibilità hu kkawżat minħabba l-fatt li r-rampa li tipprovdi aċċess għal dawn ir-ristoranti kif ukoll għat-tojlits mhix skont il-Linji Gwida *Access for All.* Il-*management* tal-Ajruport ġie infurmat ukoll li l-istess tojlits mhumiex skont l-istess Linji Gwida. Il-KNPD irċeviet pjanti li kien fihom proposti kif se jittieħdu l-miżuri korrettivi u fil-fatt irriżulta li dawn huma konformi mal-Linji Gwida *Access for All*. Il-KNPD se tibqa' ssegwi dan il-każ biex jiġi żgurat li fi żmien raġonevoli jinbeda u jitlesta x-xogħol meħtieġ skont dawn il-pjanti.

### Aċċessibilità fl-Għases tal-Pulizija (Ilment 132)

Peress li l-KNPD irċeviet ilmenti li jikkonċernaw lill-Pulizija, għażlet li ssejjaħ laqgħa mal-Korp biex jiġu ċċarati ċertu punti u tinstab soluzzjoni għalihom. Dawn l-ilmenti jinkludu l-aċċessibilità fl-Għases tal-Pulizija, fosthom ta' Raħal Ġdid. F'din il-laqgħa ġie deċiż li l-Korp għandu jippreżenta żmien stipulat li jkun raġonevoli li fih l-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid issir aċċessibbli għal kulħadd skont il-Linji Gwida *Access for All.* Ġie deċiż li l-Korp għandu jippreżenta wkoll rapport li jkopri l-aċċessibilità tal-Għases l-oħra kollha. Punti oħra li ġew diskussi fil-laqgħa kienu jinkludu l-abbuż ta' parkeġġi riżervati tal-persuni b'diżabilità, abbuż tal-*Blue Badges*, aċċessibilità tal-websjat uffiċjali tal-Korp, taħriġ li għandu jingħata lill-Pulizija dwar oqsma tad-diżabilità kif ukoll il-bżonn li jiġi ffirmat Ftehim dwar Opportunitajiet Indaqs bejn iż-żewġ naħat li jkun ikopri aspetti relatati mal-qasam tad-diżabilità.

## QORTI JEW ARBITRAĠĠ

### Aċċessibilità fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira (Ilment 53)

Tkomplew is-seduti fil-Qorti b'rabta mal-kawża li l-KNPD għamlet kontra d-Diviżjoni tas-Saħħa minħabba nuqqas ta' aċċess fiżiku fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira. Dan iċ-Ċentru jinsab fl-ewwel sular ta' bini li huwa mikri lid-Diviżjoni iżda ma fihx lift li jipprovdi aċċessibilità. Sadattant il-KNPD ġiet infurmata mid-Diviżjoni tas-Saħħa li għaddejja b'ħidma biex jinstab post alternattiv f'din il-lokalità li jkun aċċessibbli għal kulħadd.

### Aċċessibilità fil-Huggins Pub ta' Paceville (Ilment 93)

Sar ukoll protest ġudizzjarju kontra s-sid ta' Huggins Pub li jinsab f'Paceville minħabba li dan ma kkollaborax mal-KNPD billi ma weġibx l-ittri li bagħtitlu fejn intalab jagħmel l-istabbiliment aċċessibbli għal kulħadd. Fl-2004 s-sid kien anke għamel applikazzjoni lill-MEPA fejn ippreżenta pjanti li kienu konformi ma' dak mitlub mill-KNPD iżda mbagħad meta nfetaħ il-post instab li x-xogħlijiet saru b'mod differenti minn kif jidher fil-pjanti. Fil-fatt persuni b'nuqqas ta' mobilità ma jistgħux

jidħlu fih. Waqt l-investigazzjoni li għamlet il-KNPD ġiet infurmata li l-bini inkwistjoni jista' jsir aċċessibbli u li l-MEPA qatt ma ħarġet permess għall-applikazzjoni li għamel is-sid fl-2004.

### Aċċessibilità fl-iSky Club ta' Paceville (Ilment 99)

Sar ukoll protest ġudizzjarju kontra s-sid ta' Sky Club ta' Paceville. Minkejja li s-sid kien ippreżenta garanzija bankarja lill-KNPD fejn obbliga ruħu li jagħmel il-post aċċessibbli għal kulħadd fi żmien stipulat, dan ma onorax l-obbligi tiegħu. Minkejja li s-sid tilef il-flus tal-garanzija, il-KNPD baqgħet tinsisti mas-sid li għandu jonora l-ftehim li għandu mal-KNPD u speċjalment l-obbligu li titfa' fuqu l-Liġi.  Aċċettat ukoll it-talba li għamel is-sid li l-flus tal-garanzija jintużaw għall-modifikazzjonijiet li hemm bżonn.



# 4. GĦOTI TA' OĠĠETTI, FAĊILITAJIET U SERVIZZI

## ILMENTI MAGĦLUQA

### Parkeġġi riżervati tal-persuni b'diżabilità fl-Isptar Mater Dei (Ilment 153, 166)

Il-KNPD irċeviet ilmenti mingħand persuni b'diżabilità li għandhom *Blue Badge* dwar l-użu tal-parkeġġi riżervati għalihom fl-Isptar Mater Dei. Ir-raġuni li ngħatat għal dawn l-ilmenti kienet minħabba d-domanda qawwija li hemm għalihom, u li xi kultant dawn qegħdin jintużaw ħażin. Il-KNPD sejħet laqgħa ma' rappreżentant tal-*management* tal-Isptar fejn ġew diskussi diversi miżuri sabiex il-persuni b'diżabilità jkunu moqdija bl-aħjar mod possibbli.

### Is-servizz tat-trasport pubbliku pprovdut minn Arriva (Ilmenti 149, 150, 155, 156, 157)

Wara li segwiet mill-qrib l-ilmenti li rċeviet dwar nuqqas ta' aċċessibilità għal kulħadd fis-servizz tat-trasport pubbliku offrut minn Arriva, matul din is-sena l-KNPD

sejħet laqgħa u żammet kuntatt regolari mad-Direttur Maniġerjali tal-kumpanija bil-għan li fi żmien raġonevoli s-servizz ikun aktar aċċessibbli għal kulħadd. L-ilmenti kienu jikkonċernaw rampi mkissrin fuq il-karozzi, id-daqs żgħir tan-numri tar-rotot fuq il-ħġieġ tal-karozzi u l-luminożità tagħhom, ir-rotot, is-sussidju fuq in-nollijiet, nuqqas ta' servizz bl-SMS għal persuni b'nuqqas ta' smigħ, kif ukoll is-sewqan perikoluż u l-attitudni tax-xufiera fil-konfront tal-persuni b'diżabilità. Filwaqt li l-KNPD se tkompli ssegwi lmenti oħrajn li tirċievi relatati mas-servizz tat-trasport pubbliku, tinnota b'sodisfazzjon l-impenn tal-kumpanija Arriva li tikkollabora magħha sabiex jitjieb l-aċċess għal kulħadd fis-servizzi li toffri u b'hekk jiġi żgurat li l-pubbliku inġenerali kollu jgawdi minn opportunitajiet indaqs.

**Servizzi offruti lill-persuni b'diżabilità (Ilment 181, 182)**
Il-KNPD irċeviet ilmenti dwar il-kundizzjonijiet fis-servizzi li ġew offruti lil persuni b'diżabilità mill-Aġenzija Sapport u mill-Fondazzjoni Inspire. Saru laqgħat separati ma' rappreżentanti ta' dawn iż-żewġ entitajiet fejn ġew diskussi modi kif il-kuntratti li jsiru bejn dawn l-entitajiet u l-persuni b'diżabilità (jew il-ġenituri tagħhom) ikunu jirreflettu aħjar id-drittijiet u d-dmirijiet tal-persuni b'diżabilità u anke tal-membri tal-istaff li jaħdmu magħhom. Kien hemm ukoll diskussjonijiet dwar l-ammont ta' servizzi mogħtija mill-Aġenzija Sapport u dwar il-fatt li l-ġenituri jridu jħallsu għal parti mill-ispejjeż tas-servizzi mogħtija mill-Fondazzjoni Inspire. Ir-raġuni li ngħatat il-KNPD hija li l-ammont ta' fondi mogħtija mill-Gvern lil dawn iż-żewġ entitajiet mhuwiex biżżejjed biex ilaħħaq mad-domanda dejjem tikber għas-servizzi tagħhom.

## ILMENTI MIFTUĦA

**Is-servizz tal-*online check-In* tal-Air Malta (Ilment 148)**
Matul din is-sena saret laqgħa mal-Air Malta bil-għan li tinstab soluzzjoni għall-ilment li qed jiġi investigat dwar is-servizz tal-*online check-in* li għandha l-kumpanija. B'mod partikulari, persuni b'diżabilità rrappurtaw li meta jitolbu għall-assistenza waqt li jkunu qed jibbukkjaw vjaġġ b'mod *online*, is-sistema timblokka.

Matul il-laqgħa ntlaħaq ftehim li billi l-kumpanija se tkun qed taħdem fuq websajt u sistema ġdida għall-*online check-in*, għandu jsir kuntatt mal-Fondazzjoni għall-Aċċessibilità tal-Informatika (FITA) biex jiġi żgurat li dawn ikunu aċċessibbli għal kulħadd. Il-KNPD b’dispjaċir tinnota li mhux biss inqabeż it-terminu ta’ żmien li fih is-servizz kellu jsir aċċessibbli, iżda sfortunatament il-kumpanija waqfet tikkonsulta mal-FITA f’dan ir-rigward. Għaldaqstant il-KNPD se tkompli tinsisti mal-Air Malta li tirrispetta dak li ġie maqbul mal-KNPD u tkun konformi mal-Liġi f’dan ir-rigward.

### Kabini aċċessibbli fuq vapuri tal-*cruises* (Ilmenti 192, 193)

Persuni b’diżabilità li xtaqu jibbukkjaw kabini aċċessibbli fuq vapuri tal-*cruises* kitbu lill-KNPD minħabba li ma ġewx provduti b’dawn il-kabini. Il-KNPD kitbet lill-kumpaniji konċernati, Hamilton Travel u SMS Travel. Hamilton Travel spjegaw li minħabba li dawn il-*cruises* joriġinaw mill-Italja, meta huma jkollhom talba għal kabina aċċessibbli jiktbu lill-kumpanija Taljana li jaħdmu magħha u jekk ikun għad hemm kabina aċċessibbli din tiġi riżervata lill-klijenti Maltin. Dan l-arranġament ma jkunx possibbli jekk il-persuna b’diżabilità tibbukkja tard minħabba li l-kabini aċċessibbli jkunu laħqu ttieħdu minn klijenti Taljani. F’dan il-każ partikulari rriżulta li l-persuna b’diżabilità ngħatat is-servizz li kienet qed titlob wara li għamlet ilment mal-kumpanija Taljana. SMS Travel għadhom ma spjegawx x’inhi l-pożizzjoni tagħhom u għalhekk il-KNPD se tibqa’ tinsisti li jagħmlu dan.

### Sussidju ta’ kors *part-time* fl-MCAST (Ilment 196)

Il-KNPD rċeviet ilment li kors mogħti mill-MCAST fuq bażi *part-time* ma kienx qed jiġi sussidjat lill-persuni b’diżabilità bħal ma kien sussidjat lil persuni anzjani. Il-KNPD ikkuntattjat u ħadmet mal-MCAST biex is-sitwazzjoni titranġa u l-ilment ingħalaq.

### QORTI JEW ARBITRAĠĠ

**Servizz ta' karozzi tal-kiri mgħammra bil-*hand controls* (Ilmenti 144, 145, 146, 147, 173, 174, 175, 176, 177, 178)**

Il-KNPD irċeviet numru kbir ta' lmenti minn persuni b'diżabilità li xtaqu jikru karozza iżda ma setgħux jagħmlu dan peress li l-kumpaniji lokali ma ramawx il-karozzi tagħhom b'*kits* apposta b'mod li jkunu jistgħu jiġu misjuqa bl-idejn biss minflok bis-saqajn ukoll. Dawn il-*kits* ma jiswewx ħafna flus u persuna teknika, li m'hemmx għalfejn tkun esperta, tista' twaħħalhom u taqlagħhom ma' kwalunkwe karozza fi ftit ħin. Wara li sar kuntatt ma' numru ta' kumpaniji kbar individwali fejn intalbu jirrimedjaw is-sitwazzjoni, dawn talbu lill-KNPD biex tagħmel kuntatt mal-Assoċjazzjoni tagħhom, ir-Rent-A-Car Association (RACA). Sfortunatament ma ġiex reġistrat progress mar-RACA u għaldaqstant il-KNPD kitbet lil disa' kumpaniji kbar li jikru karozzi lill-pubbliku u talbithom biex fi żmien raġonevoli jiġu konformi mal-Liġi. Peress li dawn naqsu li jiġu konformi, il-KNPD ressqet Protesti Ġudizzjarji kontriehom. B'reazzjoni għall-Protest, waħda mill-kumpaniji infurmat lill-KNPD li kienet ħadet il-passi meħtieġa u fil-fatt il-KNPD għandha tispezzjona vettura tagħha. Jekk jirriżulta li din il-kumpanija ġiet konformi mal-Liġi, il-Protest kontrieha jitwaqqaf.

## 5. AKKOMODAZZJONI (DJAR)

### ILMENTI MAGĦLUQA

**Passaġġ fi blokk tal-Awtorità tad-Djar imblukkat bil-bini ta' ċint (Ilment 203)**

Il-KNPD irċeviet ilment minn persuna li tuża siġġu tar-roti u li toqgħod fi blokk ta' appartamenti tal-Awtorità tad-Djar. L-Awtorità kienet se tibni ċint bħala prekawzjoni għall-problemi kawżati mix-xita iżda fl-istess ħin instab li dan iċ-ċint kien se jimblokka l-passaġġ li s-soltu tuża din il-persuna biex tidħol f'darha. Wara diskussjonijiet li kien hemm, l-Awtorità tad-Djar assigurat lill-persuna li ressqet l-ilment u lill-KNPD li x-xogħol meħtieġ issa se jsir b'mod li ma jiġix ostakolat l-aċċess fiżiku.

### Poġġaman fit-taraġ tal-komun u lift fi blokk ta' appartamenti (Ilmenti 203, 206)

Il-KNPD irċeviet u rnexxielha tagħlaq żewġ ilmenti li saru minn persuni b'diżabilità li joqogħdu fi blokk ta' appartmenti privati.

Fl-ewwel ilment, persuna b'diżabilità talbet li jitwaħħal poġġaman mat-taraġ li jwassal għall-entratura tal-blokk fejn tgħix. Wara l-intervent tal-KNPD, ir-residenti tal-blokk qablu li għandu jitwaħħal dan il-poġġaman u b'hekk l-ilment ingħalaq.

Fit-tieni lment, persuna b'diżabilità talbet li tħallas għal lift u tistallah fil-blokk ta' appartamenti fejn tgħix. Wieħed mir-residenti tal-blokk oġġezzjona għal dan il-fatt iżda wara li intervjeniet il-KNPD, intlaħaq ftehim u l-lift se jiġi stallat kif ippjanat.

## ILMENTI MIFTUĦA

### Aċċess fiżiku f'binjiet tal-Gvern (Ilmenti 200, 201)

Il-KNPD irċeviet żewġ ilmenti minn persuni b'diżabilita' li għandhom nuqqas ta' mobilità u li joqogħdu fit-tielet sular ta' żewġ binjiet tal-Gvern. Dawn ilmentaw li ma jistgħux jużaw il-lifts fil-blokk ta' appartamenti fejn joqogħdu minħabba li inġinier iċċertifika li huma ta' periklu, u minħabba f'hekk qed ikollhom jittallbu man-nies biex ittellgħulhom l-affarijiet li jkollhom bżonn. Barra dan spiċċaw maqfula fi djarhom. Il-KNPD kitbet lill-Awtorità tad-Djar dwar dawn l-ilmenti u talbet li jinstabu soluzzjonijiet mill-aktar fis possibbli.

## QORTI JEW ARBITRAĠĠ

Ma kien hemm l-ebda każ fil-qasam tal-akkomodazzjoni li mar quddiem il-Qorti jew arbitraġġ.

# 6. ASSIGURAZZJONI

## ILMENTI MAGĦLUQA

### Kundizzjonijiet għall-ibbukkjar ta' vaganzi mal-Britannia Services Ltd (Ilment 207)

Matul din is-sena l-KNPD irnexxielha tagħlaq l-ilment li rċeviet dwar dokumentazzjoni relatata mal-ibbukkjar ta' vaganzi ma' Britannia Services Ltd. Wara li sar kuntatt mal-kumpanija, din qablet li għandha tirrevedi d-dokumentazzjoni b'mod li jitneħħa l-kliem diskriminatorju u fil-fatt il-kliem fuq il-fuljett il-ġdid li ppubblikat wara nkiteb skont kif miftiehem mal-KNPD. Madankollu l-KNPD ġibdet l-attenzjoni tal-kumpanija li naqset li tirrevedi wkoll il-kliem fil-verżjoni komprensiva kif ukoll fil-prospektus li jidhru fuq il-websajt tagħha. Matul din is-sena l-kumpanija rrevediet il-kundizzjonijiet skont kif indikatilha l-KNPD u għalhekk l-ilment ingħalaq.

### Il-polza tal-assigurazzjoni ta' Montaldo Insurance Agency Ltd (Ilment 208)

Il-KNPD irċeviet ilment li l-polza tal-assigurazzjoni tal-kumpanija Montaldo Insurance Agency Ltd fiha kliem li jista' jkun diskriminatorju. Il-KNPD bdiet issegwi l-każ billi talbet il-kummenti tal-kumpanija. Barra minn hekk talbet lill-konsulent legali tagħha biex jevalwa l-kliem użat fil-polza u jara jekk hux konformi mal-Liġi. Irriżulta li dan il-kliem fil-fatt kien diskriminatorju u kif għamlet fil-passat ma' kumpaniji oħrajn tal-assigurazzjoni, il-KNPD talbet li dan għandu jiġi rivedut. Dan sar f'qasir żmien u l-ilment ingħalaq.

## ILMENTI MIFTUĦA

Ma kien hemm l-ebda każ fil-qasam tal-assigurazzjoni li tħalla miftuħ.

## QORTI JEW ARBITRAĠĠ

Ma kien hemm l-ebda każ fil-qasam tal-assigurazzjoni li mar quddiem il-Qorti jew arbitraġġ.

# Ħarsa Ġenerali

## ĦIDMA 2000-2012

Kif diġà spjegat, din hija t-tnax-il sena minn meta daħlet fis-seħħ il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità). Matul din l-aħħar sena l-KNPD ħadmet fuq total ta' 274 ilmenti, li 152 minnhom kienu għadhom pendenti mis-sena l-oħra. Kien hemm ukoll 122 ilment ġdid. Meta wieħed iqabbel in-numru ta' lmenti li sar xogħol fuqhom din is-sena man-numru tas-sena l-oħra jinnota li:

- In-numru ta' lmenti ġodda li rċeviet il-KNPD matul din is-sena (122) jfisser żieda ta' 26 ilment mis-sena l-oħra (96).
- It-total fin-numru ta' lmenti li ħadmet fuqhom il-KNPD matul din is-sena (274) jfisser żieda ta' 15-il ilment mis-sena l-oħra (259).
- Peress li l-medja ta' lmenti li l-KNPD irċeviet kull sena matul dawn it-12-il sena hija ta' 100 ilment (ara Tabella 2), ifisser li n-numru ta' lmenti ġodda għal din is-sena (122) huwa ta' 22 ilment aktar mill-medja.

Tabella 1 tipprovdi informazzjoni dwar l-ilmenti kollha li ħadmet fuqhom il-KNPD matul din is-sena f'kull qasam.

| **TABELLA 1: Ilmenti li sar xogħol fuqhom fl-2011-2012** | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Impj** | | **Eduk** | | **Aċċ** | | **Oġġ u Serv** | | **Djar** | | **Ass** | | **Total** |
| | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** |
| Mis-snin ta' qabel | 4 | 3 | 34 | 22 | 97 | 64 | 14 | 9 | 2 | 1 | 1 | 1 | 152 |
| Ġodda | 20 | 16 | 19 | 16 | 31 | 25 | 42 | 34 | 8 | 7 | 2 | 2 | 122 |
| **Total** | **24** | **9** | **53** | **19** | **128** | **47** | **56** | **20** | **10** | **4** | **3** | **1** | **274** |

Tabella 2 tipprovdi informazzjoni dwar l-ilmenti ġodda li rċeviet il-KNPD matul din is-sena *vis-à-vis* ilmenti oħrajn li rċeviet fis-snin ta' qabel. Minn din it-tabella jista' jiġi nnutat li:

- Fl-ewwel 12-il sena ta' ħidma, il-KNPD b'kollox investigat 1196 ilment, medja ta' 100 ilment fis-sena. L-iżgħar numru ta' lmenti ġodda ġie investigat fis-sena 2003/2004 (71) filwaqt li l-ikbar numru ġie investigat fis-sena 2008/2009 (172).
- Fil-qasam tal-impjiegi, in-numru ta' lmenti ġodda (20) jfisser żieda ta' lment wieħed mis-sena l-oħra (19). Dan huwa 9 lmenti aktar mill-medja tas-snin kollha (11-il ilment). Ta' min jgħid li fl-aħħar snin il-KNPD irrappurtat żieda sostanzjali fil-qasam tal-impjiegi li jfisser li l-persuni b'diżabilità f'Malta qed jagħtu importanza u jużaw iktar il-Liġi f'dan ir-rigward.
- Fil-qasam tal-edukazzjoni, in-numru ta' lmenti ġodda (19) kien l-istess bħas-sena l-oħra li huwa lment anqas mill-medja tas-snin kollha (20 ilment). Il-fatt li n-numru tal-ilmenti ġodda marbut mal-qasam tal-edukazzjoni nżamm baxx jista' jfisser li naqset b'mod sostanzjali d-diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità fl-edukazzjoni. Għalkemm jista' jfisser ukoll li l-persuni b'diżabilità f'Malta mhumiex jagħrfu biżżejjed l-importanza tal-Liġi f'qasam daqshekk importanti għalihom.

- Għal sena oħra, il-qasam tal-aċċessibilità ma kienx l-aktar qasam li dwaru l-KNPD irċeviet ilmenti ġodda. Fil-fatt din is-sena ġew reġistrati 31 ilment ġdid, li jfisser żieda ta' 6 ilmenti mis-sena l-oħra f'dan il-qasam (25). L-ilmenti ġodda li rċeviet il-KNPD f'dan il-qasam huma 7 anqas mill-medja għas-snin kollha (38).
- Il-qasam tal-għoti ta' oġġetti u servizzi reġa' kkonferma ruħu bħala l-aktar qasam li dwaru l-KNPD irċeviet ilmenti ġodda. Fil-fatt din is-sena kien hemm 42 ilment ġdid, żieda ta' 11-il ilment mis-sena l-oħra (31). Billi l-medja ta' dan il-qasam għas-snin kollha hija ta' 24 ilment, ifisser li l-ilmenti ġodda li ġew reġistrati din is-sena kienu 18 aktar mill-medja. Dawn in-numri jkomplu jikkonfermaw li l-persuni b'diżabilità f'Malta saru jużaw ukoll il-Liġi f'qasam daqshekk importanti.
- Għal din is-sena fil-qasam tad-djar ġew reġistrati 8 ilmenti ġodda, li huwa l-ogħla numru li qatt ġew reġistrati lmenti f'dan il-qasam f'sena waħda. Peress li s-sena l-oħra ġew reġistrati 2 ilmenti biss, ifisser li kien hemm żieda ta' 6 ilmenti, li huwa wkoll 5 ilmenti aktar mill-medja għas-snin kollha (3).
- Ġew reġistrati wkoll 2 ilmenti fil-qasam tal-assigurazzjoni, wara li s-sena l-oħra ma ġie reġistrat l-ebda lment f'dan il-qasam. Ta' min isemmi li l-medja għas-snin kollha f'dan il-qasam hija ta' 2 ilmenti li hija l-aktar medja baxxa fost l-oqsma kollha tal-Liġi.

Minn din l-analiżi joħroġ b'mod ċar li l-persuni b'diżabilità f'Malta jħossuhom diskriminati u qed jużaw il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) biex ikun hemm anqas diskriminazzjoni fl-oqsma li jirrigwardaw l-għoti ta' oġġetti u servizzi, l-aċċessibilità fiżika, l-impjiegi u l-edukazzjoni. B'kuntrast ma' dan ftit li xejn qed jużaw il-Liġi biex ikun hemm anqas diskriminazzjoni fl-oqsma tad-djar u l-assigurazzjoni.

**TABELLA 2: Ilmenti matul is-snin**

| | Impj | | Eduk | | Aċċ | | Oġġ u Serv | | Djar | | Ass | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | |
| 00/01 | 13 | 14 | 10 | 11 | 50 | 53 | 19 | 20 | 1 | 1 | 2 | 2 | 95 |
| 01/02 | 10 | 13 | 8 | 11 | 42 | 55 | 14 | 18 | 2 | 3 | - | - | 76 |
| 02/03 | 11 | 15 | 23 | 31 | 18 | 24 | 16 | 21 | 5 | 7 | 2 | 3 | 75 |
| 03/04 | 9 | 13 | 16 | 23 | 25 | 35 | 16 | 23 | 2 | 3 | 3 | 4 | 71 |
| 04/05 | 7 | 8 | 26 | 29 | 27 | 30 | 25 | 27 | 4 | 4 | 2 | 2 | 91 |
| 05/06 | 6 | 7 | 24 | 26 | 42 | 46 | 18 | 20 | 1 | 1 | 1 | 1 | 92 |
| 06/07 | 9 | 9 | 14 | 13 | 57 | 54 | 22 | 21 | 1 | 1 | 2 | 2 | 105 |
| 07/08 | 8 | 8 | 28 | 29 | 44 | 45 | 15 | 15 | 2 | 2 | 1 | 1 | 98 |
| 08/09 | 11 | 6 | 38 | 22 | 65 | 38 | 50 | 29 | 6 | 3 | 2 | 1 | 172 |
| 09/10 | 14 | 14 | 22 | 21 | 35 | 34 | 22 | 21 | 5 | 5 | 5 | 5 | 103 |
| 10/11 | 19 | 20 | 19 | 20 | 25 | 26 | 31 | 32 | 2 | 2 | - | - | 96 |
| 11/12 | 20 | 16 | 19 | 16 | 31 | 25 | 42 | 34 | 8 | 7 | 2 | 2 | 122 |
| Total 00/12 | 137 | 11 | 247 | 21 | 461 | 39 | 290 | 24 | 39 | 3 | 22 | 2 | 1196 |
| **Medja għat-12-il sena** | **11** | | **20** | | **38** | | **24** | | **3** | | **2** | | **100** |

L-ilmenti li tirċievi l-KNPD jikkonċernaw entitajiet differenti li għall-fini ta' din il-pubblikazzjoni qed jitqassmu f'ħames kategoriji. Dawn huma entitajiet tal-Gvern, entitajiet parastatali, Kunsilli Lokali, il-Knisja u entitajiet privati.

Tabella 3 tanalizza l-ilmenti li rċeviet il-KNPD f'dawn it-12-il sena mqassmin skont l-entitajiet li għadhom kif issemmew. Kif jidher f'din it-tabella, matul l-aħħar sena kien hemm aktar ilmenti li saru kontra entitajiet pubbliċi (79 ilment jew 65% tal-ilmenti kollha) milli

kontra s-settur privat (43 ilment jew 36% tal-ilmenti kollha). Fir-rigward ta' entitajiet pubbliċi kien hemm żieda ta' 12-il ilment (minn 67 għal 79 ilment) filwaqt li fis-settur privat kien hemm żieda ta' 14-il ilment (minn 29 għal 43 ilment).

## ĦIDMA 2011-2012

F'Tabella 4 hemm spjegazzjoni dwar ir-riżultat tal-investigazzjoni tal-ilmenti min-naħa tal-KNPD matul l-aħħar sena. Kif diġà spjegat, il-KNPD b'kollox ħadmet

**TABELLA 3: Kontra min saru l-ilmenti**

| | Gvern | | Para | | Kunsilli | | Knisja | | Privat | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | |
| 00/01 | 38 | 40 | 23 | 24 | 6 | 6 | 9 | 9 | 19 | 20 | 95 |
| 01/02 | 23 | 30 | 13 | 17 | 16 | 21 | 14 | 18 | 10 | 13 | 76 |
| 02/03 | 34 | 45 | 11 | 15 | 9 | 12 | 2 | 3 | 19 | 25 | 75 |
| 03/04 | 43 | 61 | 6 | 8 | 8 | 11 | 4 | 6 | 10 | 14 | 71 |
| 04/05 | 29 | 32 | 15 | 16 | 11 | 12 | 11 | 12 | 25 | 27 | 91 |
| 05/06 | 28 | 30 | 14 | 15 | 5 | 5 | 25 | 27 | 20 | 22 | 92 |
| 06/07 | 16 | 15 | 25 | 24 | 15 | 14 | 17 | 16 | 32 | 30 | 105 |
| 07/08 | 16 | 16 | 10 | 10 | 15 | 15 | 13 | 13 | 44 | 45 | 98 |
| 08/09 | 72 | 42 | 14 | 8 | 9 | 5 | 23 | 13 | 54 | 31 | 172 |
| 09/10 | 41 | 40 | 7 | 7 | 12 | 12 | 8 | 8 | 35 | 34 | 103 |
| 10/11 | 52 | 54 | 6 | 6 | 9 | 9 | 5 | 5 | 24 | 25 | 96 |
| 11/12 | 61 | 50 | 1 | 1 | 17 | 14 | 2 | 2 | 41 | 34 | 122 |
| Total 00/12 | 453 | 38 | 145 | 12 | 132 | 11 | 133 | 11 | 333 | 28 | 1196 |
| **Medja għat-12-il sena** | **38** | | **12** | | **11** | | **11** | | **28** | | **100** |

fuq 274 ilment. Minn dawn, 97 ilment ingħalaq filwaqt li għad trid titkompla l-investigazzjoni dwar 164 ilment. Kien hemm ukoll 13-il ilment investigat li spiċċa l-Qorti. Erbgħa minn dawn jikkonċernaw l-aċċessibilità fiżika filwaqt li d-9 l-oħra huma dwar l-għoti ta' oġġetti u servizzi.

L-ilmenti fil-qasam tal-aċċessibilità li spiċċaw il-Qorti jikkonsistu fil-kawża li qed tinstema' kontra d-Diviżjoni tas-Saħħa dwar iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira kif ukoll 3 protesti ġudizzjarji li ġew ippreżentati kontra s-sidien ta' Sala Sant'Anna, Huggins Pub u Sky Club.

L-ilmenti fil-qasam tal-għoti ta' oġġetti u servizzi li spiċċaw il-Qorti jikkonsistu f'9 protesti ġudizzjarji li saru kontra r-Rent-A-Car Association (RACA) u s-sidien ta' kumpaniji kbar li jikru l-karozzi lill-pubbliku. Ir-raġuni hija li minkejja li ngħataw żmien raġonevoli, naqsu li jipprovdu karozzi mgħammra b'*kits* apposta li jkunu jistgħu jiġu misjuqa bl-idejn biss minflok bis-saqajn ukoll. Il-kumpaniji inkwistjoni huma Merlin International, John's Group, Meli Car Rentals, Enroute Malta, Avis Rent A Car, Hertz Rent A Car, Percius Car Hire, London Leasing u United Garage.

Tabella 4 turi wkoll li l-KNPD irnexxielha tagħlaq 35% tal-ilmenti li ħadmet fuqhom matul dan il-perjodu. Dan il-persentaġġ ifisser tnaqqis ta' 7% mill-ilmenti li rnexxielha tagħlaq is-sena l-oħra (42%). M'hemmx dubju li filwaqt li l-KNPD tuża r-riżorsi tagħha bl-aħjar mod possibbli fil-ħidma tagħha, sfortunatament jiġri li mhux l-entitajiet kollha jkunu disponibbli biex iwaqqfu d-diskriminazzjoni fil-konfront ta' persuni b'diżabilità.

Kif spjegat diġà, in-numru ta' lmenti li jinsabu quddiem il-Qorti billi nfetħitilhom kawża jew sarilhom protest ġudizzjarju huwa ta' 13 (żieda ta' 9 lmenti mis-sena l-oħra). Dan jirrifletti perfettament il-metodu użat mill-KNPD fl-investigazzjonijiet li tagħmel, fejn filwaqt li tagħmel minn kollox biex tinnegozja, toffri medjazzjoni u tipperswadi lil min ikun qed joħloq diskriminazzjoni, tirrikorri biss għall-Qorti jekk dan jagħżel li ma joffrix rimedju.

| **TABELLA 4: Ħidma fuq l-ilmenti 2011-2012** | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Impj** | | **Eduk** | | **Aċċ** | | **Oġġ u Serv** | | **Djar** | | **Ass** | | **Total** | |
| | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** |
| Magħluqa | 20 | 21 | 14 | 14 | 18 | 19 | 34 | 35 | 8 | 8 | 3 | 3 | 97 | 35 |
| Diskussi | 4 | 2 | 39 | 24 | 106 | 65 | 13 | 8 | 2 | 1 | 0 | 0 | 164 | 60 |
| Qorti: Kawża/ Protest | - | - | - | - | 4 | 31 | 9 | 69 | - | - | - | - | 13 | 5 |
| **Total** | **24** | **9** | **53** | **19** | **128** | **47** | **56** | **20** | **10** | **4** | **3** | **1** | **274** | **100** |

Informazzjoni oħra ta' interess li tinsab f'Tabella 4 hija l-ħidma tal-KNPD fl-aħħar sena skont it-tip ta' lment. Pereżempju joħroġ ċar li l-akbar numru ta' lmenti magħluqa kien fil-qasam tal-għoti ta' oġġetti u servizzi (34 minn 97 ilment magħluq). Filwaqt li t-tieni l-ikbar numru ta' lmenti magħluqa huwa relatat mal-impjiegi (20). Fil-qasam tal-aċċessibilità, il-KNPD irnexxielha tagħlaq 18-il ilment, fil-qasam tal-edukazzjoni għalqet 14-il ilment, fil-qasam tad-djar għalqet 8 ilmenti filwaqt li fil-qasam tal-assigurazzjoni għalqet l-ilmenti kollha li kellha (3).

Dwar l-ilmenti li fl-aħħar tas-sena ma ngħalqux u għalhekk trid titkompla l-investigazzjoni dwarhom fis-sena li ġejja, l-ikbar numru huwa relatat mal-aċċessibilità (106 minn 164 ilment diskuss). Imbagħad hemm 39 ilment relatat mal-edukazzjoni, 13-il ilment relatat mal-għoti ta' oġġetti u servizzi, 4 ilmenti mal-impjiegi u 2 mad-djar. Min-naħa l-oħra ma tħalla l-ebda lment miftuħ fil-qasam tal-assigurazzjoni.

Hemm ukoll 13-il ilment li tħalla miftuħ li spiċċa quddiem il-Qorti billi nfetħet kawża jew inkella ġie ppreżentat protest ġudizzjarju. Erbgħa minn dawn huma relatati mal-aċċessibilità fiżika filwaqt li d-9 l-oħra huma relatati mal-għoti ta' oġġetti u servizzi.

| TABELLA 5: Ilmenti fil-konfront ta' entitajiet u oqsma differenti | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Gvern | | Para | | Kunsilli | | Knisja | | Privat | | Total |
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | |
| Impj | 11 | 55 | - | | 1 | 5 | - | | 8 | 40 | 20 |
| Eduk | 16 | 84 | - | | - | | 2 | 11 | 1 | 5 | 19 |
| Aċċ | 7 | 23 | 1 | 3 | 13 | 42 | - | | 10 | 32 | 31 |
| Oġġ u Serv | 22 | 52 | - | | 3 | 7 | - | | 17 | 40 | 42 |
| Djar | 5 | 63 | - | | - | | - | | 3 | 38 | 8 |
| Ass | - | | - | | - | | - | | 2 | 100 | 2 |
| **Total** | **61** | **50** | **1** | **1** | **17** | **14** | **2** | **2** | **41** | **34** | **122** |

## KONTRA MIN SARU L-ILMENTI

Tabella 5 tipprovdi tagħrif dwar l-ilmenti ġodda li rċeviet il-KNPD fl-aħħar sena mqassmin skont entitajiet differenti f'kull qasam. Minn din it-tabella joħroġ li l-ikbar numru ta' lmenti relatati mal-qasam tal-impjiegi (11), mal-edukazzjoni (16), mal-għoti ta' oġġetti u servizzi (22) u mad-djar (5) saru fil-konfront tal-Gvern. Joħroġ ukoll li l-ikbar numru ta' lmenti relatati mal-qasam tal-aċċessibilità (13) saru fil-konfront tal-Kunsilli Lokali filwaqt li l-ikbar numru ta' lmenti relatati mal-qasam tal-assigurazzjoni (2) saru fil-konfront tal-privat.

Meta mqabbla mas-sena li għaddiet, jirriżulta li l-ilmenti ġodda fil-konfront tal-Gvern żdiedu minn 52 għal 61 ilment, fil-konfront tal-parastatali naqsu minn 6 għal 1, fil-konfront tal-Kunsilli Lokali żdiedu minn 9 għal 17, fil-konfront tal-Knisja naqsu minn 5 għal 2, filwaqt li fil-konfront tal-privat żdiedu minn 24 għal 41 ilment.

Ta' min jgħid li r-raġuni għaliex il-KNPD setgħet irċeviet aktar ilmenti fil-konfront tas-settur pubbliku (79) milli lmenti fil-konfront tas-settur privat (43) huwa minħabba li dan tal-ewwel jipprovdi firxa aktar wiesgħa ta' servizzi minbarra li huwa ferm ikbar fid-daqs.

Tabella 6 toffri informazzjoni dwar il-274 ilment li ġew investigati mill-KNPD matul din is-sena skont l-entitajiet li kontriehom saru l-ilmenti u x'kien ir-riżultat ta' din il-ħidma.

Din it-tabella turi li l-KNPD irnexxielha tagħlaq 97 ilment, jew 35% tal-ilmenti li investigat matul din is-sena, li jfisser tnaqqis ta' 10 ilmenti mis-sena l-oħra. L-ikbar numru ta' lmenti magħluqa kien fil-konfront tal-Gvern (54). Għalqet ukoll 31 ilment fil-konfront tal-privat, 10 ilmenti fil-konfront tal-Kunsilli Lokali kif ukoll 2 ilmenti fil-konfront tal-Knisja.

Din it-tabella turi wkoll li għad fadal 164 ilment li għad trid titkompla diskussjoni dwarhom. Minn dawn, 71 ilment jikkonċernaw lill-privat, 42 ilment lill-Knisja, 35 ilment lill-Gvern, 13-il ilment lill-Kunsilli Lokali u 3 ilmenti lill-parastatali.

**TABELLA 6: X'sar mill-ilmenti skont l-entitajiet**

| | **Magħluqin** | | **Diskussi** | | **Qorti** | | **Total** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** |
| Gvern | 54 | 60 | 35 | 39 | 1 | 1 | 90 | 33 |
| Parastatali | - | | 3 | 100 | - | | 3 | 1 |
| Kunsilli | 10 | 43 | 13 | 57 | - | | 23 | 8 |
| Knisja | 2 | 5 | 42 | 95 | - | | 44 | 16 |
| Privat | 31 | 27 | 71 | 62 | 12 | 11 | 114 | 42 |
| **Total** | **97** | **35** | **164** | **60** | **13** | **5** | **274** | **100** |

Fir-rigward tal-każijiet li spiċċaw il-Qorti, 12 minn dawn jikkonċernaw lill-privat filwaqt li każ ieħor jikkonċerna lill-Gvern.

## BORD DWAR L-EŻAMI TA' X'INHU RAĠONEVOLI

Kif diġà spjegat, il-ħidma tal-KNPD biex titħares il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) jinvolvi investigazzjoni tal-ilmenti li tirċievi, toffri medjazzjoni biex tinstab soluzzjoni fi żmien raġonevoli u jekk tħoss il-ħtieġa, tressaq il-każ tagħha quddiem il-Qorti. Il-KNPD tagħti wkoll pariri dwar it-tħaddim u l-infurzar ta' din il-Liġi kemm lill-persuni b'diżabilità u lill-familji tagħhom iżda wkoll lil persuni oħrajn fis-soċjetà li din il-Liġi titfa' obbligi fuqhom.

Il-KNPD tikkoordina din il-ħidma fil-qafas ta' dak li l-istess Liġi tiddefinixxi bħala "raġonevoli" (Kapitlu IV). Biex tkun tista' tieħu deċiżjonijiet f'każijiet partikulari, il-KNPD għandha Bord li jiltaqa' regolari u jgħinha tiddeċiedi x'għandu jiġi kkunsidrat bħala raġonevoli jew le. Dan il-Bord huwa mmexxi mis-Sur Joseph M Camilleri (Ċermen tal-KNPD) filwaqt li l-membri l-oħra huma s-Sra Marianne Debono (*Manager* tat-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs tal-KNPD), is-Sur John Peel (ġenitur ta' persuna b'diżabilità li ma tistax tirrappreżenta lilha nnifisha), is-Sur Joseph B Camilleri (rappreżentant mis-settur pubbliku), is-Sra Anne McKenna (rappreżentanta mis-settur privat) u Dr Joseph Spiteri (Perit u konsulent tekniku). Is-Sra Marie Barbara (*draughtsperson* mal-KNPD) hi s-segretarja ta' dan il-bord.

Ħafna drabi l-każijiet li jitressqu lil dan il-Bord ikunu kontestazzjoni tal-pożizzjoni li tkun ħadet il-KNPD meta tkun ivvettjat applikazzjonijiet għal żvilupp li jsiru lill-MEPA u li jiġu riferuti lilha għal konsultazzjoni skont Ċirkulari maħruġa mill-MEPA stess. Ħafna każijiet minn dawn jiġu negozjati flimkien mal-applikanti li jiġu mistiedna jattendu għall-Bord u għaldaqstant ħafna

talbiet ikunu aċċettati bħala raġonevoli anke jekk b'ċerti kundizzjonijiet. F'każijiet oħrajn, il-Bord jitlob lill-applikanti jipprovdu aktar informazzjoni biex imbagħad ikun jista' jiddeċiedi għat-talbiet li jkunu għamlu. Tabella 7 tipprovdi informazzjoni dwar il-ħidma ta' dan il-Bord fl-aħħar 9 snin minn kemm ilu jopera. Jirriżulta li matul din is-sena l-Bord ikkunsidra każ inqas mill-aħħar sena (76 każ). Minn dawn, 35 ġew aċċettati bħala li huma raġonevoli iżda b'ċerti kundizzjonijiet, 18 ma ġewx aċċettati filwaqt li kien hemm 23 każ fejn intalbet aktar informazzjoni.

Ta' min isemmi wkoll li n-numru ta' każijiet li ġew ippreżentati lill-Bord matul din is-sena (76) jfisser 14-il

| TABELLA 7: Bord Dwar l-Eżami ta' X'Inhu Raġonevoli | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Każijiet diskussi | | Raġonevoli b'kundizzjonijiet | | Mhux raġonevoli | | Iktar informazzjoni mitluba | | Riferuti għall-Bord tal-KNPD | |
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % |
| 2003/2004 | 51 | | 30 | 59 | 21 | 41 | - | | - | |
| 2004/2005 | 71 | | 27 | 38 | 44 | 62 | - | | - | |
| 2005/2006 | 59 | | 15 | 25 | 44 | 75 | - | | - | |
| 2006/2007 | 29 | | 11 | 38 | 18 | 62 | - | | - | |
| 2007/2008 | 39 | | 15 | 38 | 24 | 62 | - | | - | |
| 2008/2009 | 73 | | 27 | 37 | 29 | 40 | 16 | 22 | 1 | 1 |
| 2009/2010 | 82 | | 32 | 39 | 26 | 32 | 24 | 29 | - | |
| 2010/2011 | 77 | | 30 | 39 | 21 | 27 | 26 | 34 | - | |
| 2011/2012 | 76 | | 35 | 46 | 18 | 24 | 23 | 30 | - | |
| Total 2003/2012 | 557 | | 222 | | 245 | | 89 | | 1 | |
| **Medja għad-9 snin** | **62** | | **25** | | **27** | | **10** | | **0** | |

każ ogħla mill-medja għad-9 snin (62). Dan huwa wkoll it-tielet l-ogħla numru mid-9 snin ta' ħidma tal-Bord. Din hi żieda sostanzjali u tirrifletti l-ħidma qawwija li qed tagħmel il-KNPD f'dan ir-rigward. Jirriżulta wkoll li l-aħħar sena kienet l-iktar waħda li fiha kien hemm każijiet li ġew aċċettati mill-Bord bħala raġonevoli (35 jew 46% tal-każijiet li ġew ikkunsidrati). Ir-raġuni hija li kif diġà spjegat, ħafna mill-każijiet jiġu negozjati flimkien mal-applikanti u fil-fatt dawn ikunu aċċettati bħala raġonevoli iżda b'ċerti kundizzjonijiet. Il-KNPD tħoss li din hija strateġija effettiva għaliex b'dan il-mod l-applikanti qed jifhmu aktar l-obbligu legali tagħhom li jipprovdu aċċess sħiħ lill-persuni b'diżabilità. Dan minbarra li qed jinstab bilanċ fl-aħjar interess tal-partijiet konċernati.

## KONSULTAZZJONI

Minbarra l-ħidma tagħha biex tinstab soluzzjoni għall-ilmenti li tirċievi *vis-à-vis* il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), il-KNPD kompliet tagħti importanza lill-aspett edukattiv tal-Liġi. Fil-fatt, bħas-snin l-imgħoddija, il-KNPD kompliet bl-impenn tagħha li toffri servizz ta' konsulenza dwar il-Liġi lil dawk li huma milquta direttament minnha (bħall-persuni b'diżabilità nfushom, il-familjari tagħhom, organizzazzjonijiet u professjonisti) imma anke lil oħrajn li huma milquta indirettament (bħalma huma l-*employers*, dawk li joffru servizzi u entitajiet edukattivi) minħabba l-obbligi li din titfa' fuqhom. In-numru ta' konsultazzjonijiet li kellha l-KNPD f'dan ir-rigward reġa' kien wieħed inkoraġġanti.

# KONKLUŻJONI

Bħala regolatur tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), il-KNPD hija impenjata li fil-futur tkompli tassigura li din il-Liġi tkompli tiġi rispettata u b'dan il-mod tonqos id-diskriminazzjoni fil-konfront tal-persuni b'diżabilità filwaqt li jkollhom l-ogħla kwalità ta' ħajja possibbli. Dan l-impenn tal-KNPD se jkompli jissaħħaħ ħafna aktar peress li matul din is-sena Malta rratifikat u daħħlet fis-seħħ il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità kif ukoll il-Protokoll Mhux Obbligatorju li hemm marbut mal-Konvenzjoni. Dan ifisser li Malta approvat u wegħdet li taħdem sabiex timplimenta, tippromwovi u tħares il-Konvenzjoni fl-aħjar interess tal-persuni b'diżabilità. Ta' min jgħid li l-Konvenzjoni ġiet addottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-13 ta' Diċembru 2006 u l-KNPD hija l-Mekkaniżmu Indipendenti għal Malta f'dan ir-rigward.

**Dr Anne-Marie Callus**
*Direttur Eżekuttiv*

**Marianne Debono**
*Manager tat-Taqsima LOI*

**Elvin Sciberras**
*Assistant Manager - Taqsima LOI*

# Lista ta' Lmenti Kollha

*L-ilmenti mmarkati b'* hemm dettalji dwarhom minn paġna 10 sa paġna 25*

## IMPJIEGI - ILMENTI MIS-SNIN TA' QABEL

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Tpoġġiet fi skala iktar baxxa minħabba d-diżabilità u mingħajr prospetti ta' promozzjoni | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Ottubru 2009 |
| 2* | Nuqqas ta' akkomodazzjoni fi skola tal-Kulleġġ Santa Margerita | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Marzu 2011 |
| 3* | Nuqqas ta' akkomodazzjoni fi skola tal-Kulleġġ Santa Margerita | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Marzu 2011 |
| 4 | Diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol | Magħluq | Privat | Maltapost | Ġunju 2011 |

## IMPJIEGI - ILMENTI ĠODDA

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 5 | Trattament ħażin fuq il-post tax-xogħol | Magħluq | Privat | Fuego | Jannar 2012 |
| 6 | Terminu tal-kuntratt tax-xogħol | Magħluq | Privat | ST Micro Electronics | Jannar 2012 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 7 | Terminu tal-kuntratt tax-xogħol | Magħluq | Privat | Air Malta | Mejju 2012 |
| 8 | Tojlit mhux aċċessibbli għall-bżonnijiet tagħha | Magħluq | Privat | HSBC Bank | Marzu 2012 |
| 9* | Akkomodazzjoni fuq il-post tax-xogħol għal ġenitur ta' tifel b'diżabilità | Magħluq | Privat | De La Rue | April 2012 |
| 10 | Akkomodazzjoni fuq il-post tax-xogħol | Diskuss | Gvern | Aġenzija Sapport | Settembru 2012 |
| 11 | Akkomodazzjoni fuq il-post tax-xogħol | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Settembru 2012 |
| 12 | Akkomodazzjoni fuq il-post tax-xogħol | Magħluq | Gvern | MEPA | Ottubru 2011 |
| 13* | Akkomodazzjoni fuq il-post tax-xogħol wara l-*leave* tal-maternità | Magħluq | Gvern | Sptar San Vincenz de Paule | Diċembru 2011 |
| 14* | Bżonn ta' akkomodazzjoni minħabba t-trattament li jkollha bżonn tieħu fl-isptar | Magħluq | Privat | Privat | Lulju 2012 |
| 15 | Dewmien sabiex jingħatalha impjieg marbut ma' skema tal-persuni b'diżabilità | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Isla | Mejju 2012 |
| 16* | Fastidju fuq il-post tax-xogħol | Magħluq | Privat | Splash and Fun Water Park | Mejju 2012 |
| 17* | Fastidju fuq il-post tax-xogħol | Diskuss | Gvern | MCAST | Awwissu 2012 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 18* | Fastidju fuq il-post tax-xogħol | Magħluq | Gvern | Transport Malta | Ottubru 2012 |
| 19 | Talba biex jiġi trasferit f'ATC ieħor | Diskuss | Gvern | Aġenzija Sapport | Ġunju 2012 |
| 20 | Talba għall-promozzjoni | Magħluq | Gvern | Servizz Ċivili | Lulju 2012 |
| 21 | Tneħħiet mill-iskema EAP meta biddlet ix-xogħol | Magħluq | Gvern | ETC | Ottubru 2011 |
| 22 | Ġiet infurmata li trid iddum xhur biex jeżaminaha tabib wara li rreġistrat għax-xogħol | Magħluq | Gvern | ETC | Novembru 2011 |
| 32* | Bżonn ta' trasport aċċessibbli għall-post tax-xogħol u lura | Magħluq | Privat | Privat | Ottubru 2011 |
| 24 | Talba għal parkeġġ viċin l-uffiċċju tax-xogħol | Diskuss | Gvern | Sptar Mater Dei | Awwissu 2012 |

## EDUKAZZJONI - ILMENTI MIS-SNIN TA' QABEL

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 25 | Nuqqas ta' aċċessibilità fi skejjel ta' Għawdex | Diskuss | Gvern | Ministeru ta' Għawdex | Novembru 2006 |
| 26 | Nuqqas ta' aċċessibilità għall-palk tal-iskola | Diskuss | Gvern | FTS | Diċembru 2006 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 27 | Nuqqas ta' aċċessibilità fi skejjel tal-kompjuter (ara Tabella A) | Diskuss | Privat | Skejjel tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| 28 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-Junior College | Diskuss | Gvern | Università ta' Malta | Ottubru 2008 |
| 29 | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-iskola Guardian Angel | Diskuss | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Frar 2011 |
| 30 | Akkomodazzjoni waqt l-eżamijiet | Diskuss | Gvern | MCAST | Marzu 2011 |

## EDUKAZZJONI - ILMENTI ĠODDA

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 31 | Talba biex tiġi eżentata minn wieħed mill-kriterji mitluba biex tidħol l-Università | Magħluq | Gvern | Università ta' Malta | Jannar 2012 |
| 32 | Rifjutata applikazzjoni ta' persuna b'diżabilità biex tattendi l-iskola għax m'hemmx lift | Magħluq | Knisja | Kulleġġ Stella Maris | Mejju 2012 |
| 33* | Rifjutata applikazzjoni ta' persuna b'*dyslexia* biex tidħol fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Awwissu 2012 |
| 34 | Persuna b'nuqqas ta' smigħ tiġi offruta kors li ma kienx l-ewwel għażla tagħha | Magħluq | Gvern | MCAST | Ottubru 2011 |
| 35 | Persuna b'diżabilità ma tintgħażilx għal kors minkejja li għandha l-kwalifiki meħtieġa | Magħluq | Gvern | Università ta' Malta | Ottubru 2011 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 36* | Student bi mġiba diffiċli ħafna ma jitħalliex ikompli jattendi l-iskola sakemm jiġi eżaminat minn psikjatra u jingħata l-kura | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Novembru 2011 |
| 37 | Arranġamenti fil-karti tal-eżamijiet għal persuna b'*down syndrome* | Diskuss | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Frar 2012 |
| 38* | Arranġamenti fil-karti tal-eżamijiet | Diskuss | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Frar 2012 |
| 39 | Arranġamenti fl-eżamijiet tas-SEC | Magħluq | Gvern | Università ta' Malta | Frar 2012 |
| 40 | Student b'diżabilità ma jsirulux aktar modifiki fil-karti tal-eżamijiet minħabba s-sistema l-ġdida | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Ottubru 2011 |
| 41* | Nuqqas ta' akkomodazzjoni waqt l-eżami tal-*Home Economics* | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Diċembru 2011 |
| 42 | Talba għal *Learning Support Assistant* | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Frar 2012 |
| 43 | Nuqqas ta' *Learning Support Assistant* fl-Iskola Primarja taż-Żurrieq | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Frar 2012 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 44 | *Learning Support Assistant* jirrifjuta li jagħti għajnuna lil persuna bl-ADHD | Diskuss | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Settembru 2012 |
| 45 | Żieda fil-miżata tal-iskola tas-sajf | Magħluq | Privat | Fondazzjoni Inspire | April 2012 |
| 46 | Ħtieġa ta' superviżjoni waqt li student b'diżabilità juża t-trasport tal-iskola | Diskuss | Knisja | Kulleġġ Stella Maris | Mejju 2012 |
| 47* | Student bl-awtiżmu jkollu jibqa' d-dar għax m'hemmx superviżjoni fit-trasport tal-iskola | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Novembru 2011 |
| 48 | Studenta bl-awtiżmu ma tiġix provduta bi trasport lejn l-iskola u lura | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Ottubru 2011 |
| 49 | Talba biex persuna b'diżabilità tibda tattendi ATC | Diskuss | Gvern | Aġenzija Sapport | Awwissu 2012 |

## AĊĊESSIBILITÀ – ILMENTI MIS-SNIN TA' QABEL

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 50* | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-entratura prinċipali ta' Evans Building | Diskuss | Gvern | Diviżjoni tas-Saħħa | Novembru 2000 |
| 51* | Nuqqas ta' aċċessibilità għar-Reġistru Pubbliku | Diskuss | Gvern | Reġistru Pubbliku | Lulju 2006 |
| 52 | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-Uffiċċji Distrettwali tas-Sigurtà Soċjali | Diskuss | Gvern | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Novembru 2005 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 53* | Nuqqas ta' lift fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira | Qorti/ Kawża | Gvern | Diviżjoni tas-Saħħa | Lulju 2001 |
| 54 | Aċċessibilità għall-Bereġ u Ċentri tas-Saħħa | Diskuss | Gvern | Diviżjoni tas-Saħħa | Awwissu 2006 |
| 55 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-Psychiatric Outreach Services tal-Furjana | Diskuss | Gvern | Diviżjoni tas-Saħħa | Jannar 2011 |
| 56* | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-entratura prinċipali tal-knejjes parrokkjali ta' Għawdex (ara Tabella B) | Diskuss | Knisja | Djoċesi ta' Għawdex | Awwissu 2002 |
| 57* | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-entratura prinċipali tal-knejjes parrokkjali ta' Malta (ara Tabella Ċ) | Diskuss | Knisja | Knisja ta' Malta | Ottubru 2004 |
| 58* | Aċċessibilità fl-entratura tal-Istitut Kattoliku fil-Furjana | Magħluq | Knisja | Istitut Kattoliku | Novembru 2007 |
| 59 | Nuqqas ta' aċċessibilità fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Għarb | Diskuss | Knisja | Djoċesi ta' Għawdex | Diċembru 2010 |
| 60 | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-Aula Magna tal-Belt Valletta | Diskuss | Gvern | Università ta' Malta | Ottubru 2005 |
| 61 | Nuqqas ta' aċċessibilità f'toroq ta' diversi lokalitajiet | Diskuss | Gvern | Transport Malta | Lulju 2005 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 62 | Nuqqas ta' aċċessibilità f'toroq fil-Mosta | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Mosta | Marzu 2006 |
| 63 | Nuqqas ta' aċċessibilità f'toroq fin-Naxxar | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Naxxar | Marzu 2006 |
| 64 | Parkeġġ riżervat għall-persuni b'diżabilità huwa bil-ħin meta l-parkeġġi l-oħra mhumiex | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Żejtun | Ġunju 2008 |
| 65 | *Zebra Crossings* mingħajr rampi għall-bankini | Diskuss | Gvern | Transport Malta | April 2009 |
| 66 | Nuqqas ta' rampa fil-bankina | Diskuss | Gvern | Transport Malta | April 2009 |
| 67 | Telgħa ġdida f'Tigne Point hija wieqfa wisq | Magħluq | Gvern | Transport Malta | Ġunju 2010 |
| 68 | Ipparkjar illegali fuq rampa jostakola l-aċċessibilità ta' bankina | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar | Lulju 2011 |
| 69 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-Promenade tal-Qawra | Diskuss | Gvern | Awtorità Maltija għat-Turiżmu | Awwissu 2011 |
| 70 | *Traffic lights* jostakolaw l-aċċessibilità ta' bankina | Diskuss | Gvern | Transport Malta | Marzu 2011 |
| 71 | Nuqqas ta' aċċessibilità fit-tojlits pubbliċi | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Mellieħa | Mejju 2010 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 72 | Nuqqas ta' aċċessibilità fit-tojlits pubbliċi tal-Buskett | Diskuss | Gvern | Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali | Lulju 2011 |
| 73 | Nuqqas ta' aċċessibilità għall-*Belvedere* tal-Imdina | Diskuss | Gvern | Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali | Ottubru 2006 |
| 74 | Nuqqas ta' aċċessibilità għall-*Belvedere* ta' Għajnsielem | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Għajnsielem | April 2010 |
| 75 | Nuqqas ta' aċċessibilità għall-bajjiet ewlenin | Magħluq | Gvern | L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu | Ġunju 2007 |
| 76 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-Bajja tal-Mellieħa | Diskuss | Gvern | Awtorità Maltija għat-Turiżmu | Ġunju 2010 |
| 77 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-każin tal-banda | Diskuss | Privat | Każin tal-Banda San Ġwann | Marzu 2003 |
| 78 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-każin tal-banda | Diskuss | Privat | Każin tal-Banda Sant'Antnin | Awwissu 2003 |
| 79 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-fergħat tal-bank | Diskuss | Knisja | APS Bank | April 2008 |
| 80 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-fergħat tal-bank | Diskuss | Privat | Lombard Bank | April 2009 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 81* | Nuqqas ta' aċċessibilità f'Portomaso | Diskuss | Privat | Hilton Malta | Settembru 2005 |
| 82 | Nuqqas ta' aċċessibilità għaċ-ċinema | Diskuss | Privat | Empire Cinema | Marzu 2006 |
| 83* | Nuqqas ta' aċċessibilità għas-sala | Qorti/ Protest | Privat | Sala Sant'Anna | Lulju 2006 |
| 84 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-ħwienet ta' Food Chain Holdings Ltd | Diskuss | Privat | Food Chain Holdings | Ġunju 2008 |
| 85 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-ħwienet ta' McDonald's | Diskuss | Privat | McDonald's | Ġunju 2008 |
| 86 | Nuqqas ta' aċċessibilità fix-*showroom* ta' Diamonds International f'Portomaso | Magħluq | Privat | Diamonds International | Diċembru 2008 |
| 87* | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-ħanut il-ġdid tal-Europharma f'Birkirkara | Diskuss | Privat | Michele Peresso Ltd | Marzu 2009 |
| 88 | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-Eden Superbowl | Diskuss | Privat | Eden Leisure Group | Marzu 2009 |
| 89* | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-lukanda | Diskuss | Privat | Lukanda Excelsior | Lulju 2008 |
| 90* | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-lukanda | Diskuss | Privat | Lukanda Riviera | Marzu 2009 |
| 91* | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-lukanda | Magħluq | Privat | Lukanda Dolmen | April 2009 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 92 | Nuqqas ta' aċċessibilità fit-tojlits komunali tal-lukanda | Diskuss | Privat | Lukanda Riu Seabank & Spa | Jannar 2011 |
| 93* | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-ħanut | Qorti/ Protest | Privat | Huggins Pub | Jannar 2007 |
| 94 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-ħanut | Diskuss | Privat | Għall-Kafè | Jannar 2007 |
| 95 | Nuqqas ta' aċċessibilità fir-ristorant | Diskuss | Privat | Ta' Pawlu Restaurant | Novembru 2007 |
| 96 | Nuqqas ta' aċċessibilità fir-ristorant | Diskuss | Privat | China House Restaurant | Diċembru 2008 |
| 97 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-ħanut ta' Marks & Spencer tal-Belt Valletta | Diskuss | Privat | Marks & Spencer | Mejju 2009 |
| 98 | Nuqqas ta' aċċessibilità fir-ristorant | Diskuss | Privat | Penang Restaurant | Ġunju 2009 |
| 99* | Nuqqas ta' aċċessibilità fid-diskoteka | Qorti/ Protest | Privat | Sky Club | Lulju 2009 |
| 100 | Nuqqas ta' aċċessibilità fit-tojlit tal-ħanut | Diskuss | Privat | Heat Bar & Diner | Diċembru 2009 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 101 | Nuqqas ta' aċċessibilità fix-*showroom* ġdida ta' Forestals fl-Imrieħel | Diskuss | Privat | Forestals | Marzu 2010 |
| 102 | Nuqqas ta' aċċessibilità fis-*snack bar* | Magħluq | Privat | Marmiton Snack Bar | Ġunju 2010 |
| 103 | Nuqqas ta' aċċessibilità fir-ristorant | Magħluq | Privat | Vine Yard Bar & Restaurant | Jannar 2011 |
| 104 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-ħanut ta' Tiptoes f'Raħal Ġdid | Diskuss | Privat | Tiptoes | Marzu 2011 |
| 105 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-ħanut ta' Vodafone f'Raħal Ġdid | Diskuss | Privat | Vodafone Malta | Marzu 2011 |
| 106 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-kafeterija | Diskuss | Privat | Creme Cefè | Lulju 2011 |
| 107* | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-Kumpless Sportiv f'Tal-Qroqq | Diskuss | Parastatali | Kunsill Malti għall-Isport | Ġunju 2010 |
| 108 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-Victor Tedesco Stadium | Diskuss | Privat | Ħamrun Sports Complex | Novembru 2010 |
| 109 | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-Istadium Nazzjonali f'Ta' Qali | Diskuss | Parastatali | Malta Football Association | Novembru 2010 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|

## AĊĊESSIBILITA' - ILMENTI ĠODDA

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 110 | Rampi mhux aċċessibbli fi Triq Mimosa f'Tal-Pietà | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Pietà | Jannar 2012 |
| 111 | Aċċessiblità fil-bankini ta' Triq Karmenu Mifsud f'Tal-Pietà | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Pietà | Ottubru 2011 |
| 112 | Rampi mhux aċċessibbli minn Għajn Dwieli sal-Kottonera | Magħluq | Gvern | Transport Malta | Jannar 2012 |
| 113 | Rampa għal *zebra crossing* ħdejn l-eks Radio City mneħħija meta saru bankini ġodda | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Ħamrun | April 2012 |
| 114 | Nuqqas ta' aċċessibilità fi Triq ir-Ramel f'San Pawl il-Baħar | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar | Ottubru 2011 |
| 115 | Twaħħil ta' arblu tad-dawl f'nofs bankina fi Triq Braille f'Santa Venera | Diskuss | Parastatali | Enemalta | Marzu 2012 |
| 116 | Nuqqas ta' aċċessibilità fi Sqaq Ta' B'Xejn, limiti taż-Żurrieq | Diskuss | Gvern | Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali | Mejju 2012 |
| 117 | Nuqqas ta' rampa aċċessibbli għal *zebra crossing* f'Tas-Sliema | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Sliema | Ottubru 2011 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 118 | Bankini ġodda quddiem l-Ambaxxata Amerikana f'Ta' Qali mhux aċċessibbli | Magħluq | Gvern | Transport Malta | Ottubru 2011 |
| 119 | Nuqqas ta' aċċessibilità fi Triq il-Vlontin f'Birkirkara | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Birkirkara | Ottubru 2011 |
| 120 | Tkissir ta' rampa fit-tarf ta' bankina ħdejn Kastilja fil-Belt Valletta | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Valletta | Mejju 2012 |
| 121 | Nuqqas ta' aċċessibilità fi Triq San Pawl u Triq l-Isptar il-Qadim fil-Belt Valletta | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Valletta | April 2012 |
| 122 | Bankini ħdejn Tigne jiġu ostakolati b'ħafna mwejjed u siġġijiet | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Sliema | Novembru 2011 |
| 123 | Bankini mhux aċċessibbli quddiem il-lukanda Phoenicia fil-Furjana | Diskuss | Gvern | Transport Malta | Novembru 2011 |
| 124 | Pjanta kbira maġenb garaxx tostakola bankina | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Tarxien | Novembru 2011 |
| 125 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-Menqa f'San Pawl il-Baħar | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar | Awwissu 2012 |
| 126 | Persuna b'nuqqas ta' mobilità msakkra f'darha minħabba triq imkissra | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Xewkija | Awwissu 2012 |
| 127 | Bżonn ta' parkeġġ riżervat quddiem skola | Magħluq | Gvern | Transport Malta | Frar 2012 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 128 | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-entratura tal-kappella tal-MUSEUM fil-Blata l-Bajda | Diskuss | Privat | Soċjetà tal-MUSEUM | April 2012 |
| 129 | Nuqqas ta' aċċessibilità fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija fil-Belt Victoria | Diskuss | Gvern | Dipartiment tal-Artijiet Pubbliċi | Marzu 2012 |
| 130* | Rampa mhux aċċessibbli fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta | Diskuss | Privat | Ajruport Internazzjonali ta' Malta | Novembru 2011 |
| 131 | Nuqqas ta' aċċess għall-Park tal-Majjistral fil-Mellieħa | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Mellieħa | Awwissu 2012 |
| 132* | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-entratura tal-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid | Diskuss | Gvern | Pulizija | Marzu 2012 |
| 133 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-ħanut | Diskuss | Privat | Summer Nights | Frar 2012 |
| 134* | Aċċessibilità fl-MCP Car Park tal-Furjana | Magħluq | Privat | MCP Car Park | Jannar 2012 |
| 135 | Stallazzjoni ta' *stair lift* minflok *platform lift* fl-Inter Club ta' Malta | Diskuss | Privat | Inter Club (Malta) | Ottubru 2011 |
| 136 | L-entratura aċċessibbli tal-Bini ta' San Ġakbu fil-Belt Valletta tinżamm magħluqa | Magħluq | Privat | Bini ta' San Ġakbu | Mejju 2012 |
| 137 | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-entratura tal-ħanut | Diskuss | Privat | L'Orange Bar & Restaurant | Ġunju 2012 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 138 | Nuqqas ta' rampa aċċessibbli għall-farmaċija | Diskuss | Privat | Saint Simon Pharmacy | Settembru 2012 |
| 139 | Nuqqas ta' rampa aċċessibbli għall-farmaċija | Diskuss | Privat | Promenade Pharmacy | Settembru 2012 |
| 140 | Nuqqas ta' rampa aċċessibbli għall-farmaċija | Diskuss | Privat | Euro Chemist Pharmacy | Settembru 2012 |

## GĦOTI TA' OĠĠETTI U SERVIZZI - ILMENTI MIS-SNIN TA' QABEL

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 141 | Aċċessibilità fl-*internet banking* | Diskuss | Privat | BOV | Marzu 2005 |
| 142 | Aċċessibilità fl-*internet banking* | Diskuss | Privat | Lombard Bank | Settembru 2009 |
| 143 | Nuqqas ta' sottotitoli fil-programmi tat-televixin | Diskuss | Privat | GO/Melita | April 2009 |
| 144* | Servizz ta' karozzi bil-*hand controls* għall-kiri | Qorti/ Protest | Privat | RACA | Ġunju 2009 |
| 145* | Servizz ta' karozzi bil-*hand controls* għall-kiri | Qorti/ Protest | Privat | Merlin International | Diċembru 2009 |
| 146* | Servizz ta' karozzi *hand controls* għall-kiri | Qorti/ Protest | Privat | John's Group | Diċembru 2009 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 147* | Servizz ta' karozzi *hand controls* għall-kiri | Qorti/ Protest | Privat | Meli Car Rentals | Diċembru 2009 |
| 148* | Diskriminazzjoni fis-servizz tal-*online check-in* tal-Air Malta | Diskuss | Privat | Air Malta | Mejju 2011 |
| 149* | Nollijiet tal-karozzi tal-Arriva | Diskuss | Privat | Arriva | Ġunju 2011 |
| 150* | Diffikultà biex persuni b'nuqqas ta' dawl jirrikonoxxu n-numri tal-karozzi tal-Arriva | Diskuss | Privat | Arriva | Lulju 2011 |
| 151 | Nuqqas ta' akkomodazzjoni fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin | Magħluq | Gvern | Pulizija | Lulju 2011 |
| 152 | Nuqqas ta' akkomodazzjoni fis-Seduti tal-Qorti | Magħluq | Gvern | Qorti tal-Ġustizzja | Lulju 2011 |
| 153* | Ipparkjar fuq parkeġġi riżervati tal-persuni b'diżabilità fl-Isptar Mater Dei | Magħluq | Gvern | Sptar Mater Dei | Awwissu 2011 |
| 154 | Nuqqas ta' parkeġġi riżervati tal-persuni b'diżabilità quddiem iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid | Magħluq | Gvern | Transport Malta | Settembru 2011 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|

## GĦOTI TA' OĠĠETTI U SERVIZZI - ILMENTI ĠODDA

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 155* | Tibdil tar-rotot mill-kumpanija Arriva | Magħluq | Privat | Arriva | Settembru 2011 |
| 156* | Attitudni tax-xufiera ta' Arriva lejn il-persuni b'diżabilità | Diskuss | Privat | Arriva | Ottubru 2011 |
| 157* | Rampi mkissrin fuq il-*bendy buses* tal-Arriva | Diskuss | Privat | Arriva | Novembru 2011 |
| 158 | Abbuż minn parkeġġi riżervati tal-persuni b'diżabilità f'Tas-Sliema u San Ġiljan | Magħluq | Gvern | Pulizija | Ottubru 2011 |
| 159 | Parkeġġi bil-ħin u nuqqas ta' parkeġġi riżervati tal-persuni b'diżabilità fil-Belt Valletta | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Valletta | Novembru 2011 |
| 160 | Użu ħażin ta' *Blue Badge* quddiem il-Bank Ċentrali ta' Malta | Magħluq | Gvern | Pulizija | Novembru 2011 |
| 161 | Parkeġġi riżervati tal-persuni b'diżabilità ġewwa l-*Car Park* f'Tigne jittieħdu minn persuni li m'għandhomx *Blue Badge* | Magħluq | Privat | Tigne Point | Novembru 2011 |
| 162 | Parkeġġ riżervat tal-persuni b'diżabilità fl-Isptar San Luqa jittieħed minn persuni li m'għandhomx *Blue Badge* | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tas-Saħħa | Diċembru 2011 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 163 | Ipparkjar ta' karozza bi *Blue Badge* għal tul ta' żmien fuq parkeġġ riżervat tal-persuni b'diżabilità | Magħluq | Gvern | Pulizija | Diċembru 2011 |
| 164 | Parkeġġ riżervat tal-persuni b'diżabilità jitneħħa wara manutenzjoni ta' triq | Magħluq | Gvern | Transport Malta | Jannar 2012 |
| 165 | M'hemmx parkeġġ tal-persuni b'diżabilità viċin spiżerija fil-Furjana | Magħluq | Gvern | Transport Malta | Marzu 2012 |
| 166* | Parkeġġi riżervati tal-persuni b'diżabilità fl-Isptar Mater Dei | Magħluq | Gvern | Sptar Mater Dei | April 2012 |
| 167 | Abbuż minn parkeġġ riżervat tal-persuni b'diżabilità quddiem l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan | Magħluq | Gvern | Pulizija | Mejju 2012 |
| 168 | Tneħħija ta' tabelli li kienu jindikaw parkeġġi riżervati tal-persuni b'diżabilità | Diskuss | Gvern | Transport Malta | Ġunju 2012 |
| 169 | Jitpoġġew *bring-in sites* fuq parkeġġ riżervat tal-persuni b'diżabilità f'San Pawl il-Baħar | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar | Ġunju 2012 |
| 170 | Talba għal parkeġġ temporanju sakemm jitlestew xogħlijiet fi triq fejn toqgħod persuna b'diżabilità | Magħluq | Gvern | Transport Malta | Lulju 2012 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 171 | Jitneħħa parkeġġ riżervat tal-persuni b'diżabilità quddiem l-Eden Superbowl | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali San Ġiljan | Lulju 2012 |
| 172 | Parkeġġ riżervat ta' persuna b'diżabilità ma jitneħħiex wara li din ġiet nieqsa | Magħluq | Gvern | Transport Malta | Settembru 2012 |
| 173* | Servizz ta' karozzi bil-*hand controls* għall-kiri | Magħluq | Privat | Enroute Malta | April 2012 |
| 174* | Servizz ta' karozzi bil-*hand controls* għall-kiri | Qorti/ Protest | Privat | Avis Rent A Car | April 2012 |
| 175* | Servizz ta' karozzi bil-*hand controls* għall-kiri | Qorti/ Protest | Privat | Hertz Rent A Car | April 2012 |
| 176* | Servizz ta' karozzi bil-*hand controls* għall-kiri | Qorti/ Protest | Privat | Percius Car Hire | April 2012 |
| 177* | Servizz ta' karozzi bil-*hand controls* għall-kiri | Qorti/ Protest | Privat | London Leasing | Aprl 2012 |
| 178* | Servizz ta' karozzi bil-*hand controls* għall-kiri | Qorti/ Protest | Privat | United Garage | April 2012 |
| 179 | Dewmien biex jingħata s-servizz tal-*Home Help* | Magħluq | Gvern | Dipartiment tal-Anzjani | Mejju 2012 |
| 180 | Tirċievi l-kontijiet tas-CVA minkejja li eżentata milli tħallashom | Magħluq | Privat | CVA Technology | Mejju 2012 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 181* | Servizzi mogħtija mill-Aġenzija Sapport | Magħluq | Gvern | Aġenzija Sapport | Mejju 2012 |
| 182* | Servizzi mogħtija mill-Fondazzjoni Inspire | Magħluq | Privat | Fondazzjoni Inspire | Mejju 2012 |
| 183 | Ma jitħalliex jaqbeż il-kju fl-Isptar Mater Dei minkejja li għandu l-Karta tal-Identità Speċjali | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tas-Saħħa | Ġunju 2012 |
| 184 | Talba biex persuna li tuża siġġu tar-roti tattendi l-ATC b'vann mgħammar bit-*tail lift* | Magħluq | Gvern | Aġenzija Sapport | Mejju 2012 |
| 185 | Ħtieġa ta' trasport aċċessibbli għall-post tax-xogħol u lura | Magħluq | Privat | Privat | Lulju 2012 |
| 186 | Rifjutata applikazzjoni għall-pensjoni li għamlet persuna b'diżabilità | Magħluq | Gvern | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Lulju 2012 |
| 187 | Rifjutata applikazzjoni għall-pensjoni li għamlet persuna b'diżabilità | Diskuss | Gvern | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Awwissu 2012 |
| 188 | Persuna b'diżabilità tirċievi biss 75% tal-għajnuna soċjali | Diskuss | Gvern | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Awwissu 2012 |
| 189 | Persuna b'diżabilità tieqaf tirċievi l-pensjoni | Diskuss | Gvern | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Settembru 2012 |
| 190 | Tifel bl-awtiżmu ma jingħatax servizz regolari minn *Occupational Therapist* | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tas-Saħħa | Ottubru 2011 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 191 | It-turisti ma jitħallewx jużaw l-entratura tal-Palazz tal-President li twassal għal-lift | Magħluq | Gvern | President ta' Malta | Lulju 2012 |
| 192* | Allokazzjoni ta' kabini aċċessibbli fuq vapur tal-*cruises* | Magħluq | Privat | Hamilton Travel | Awwissu 2012 |
| 193* | Allokazzjoni ta' kabini aċċessibbli fuq vapur tal-*cruises* | Diskuss | Privat | SMS Travel | Awwissu 2012 |
| 194 | Prezz tal-biljetti għall-persuni b'diżabilità f'attività organizzata minn NNG Promotions | Magħluq | Privat | NNG Promotions | Awwissu 2012 |
| 195 | Il-kwalità ta' servizz offrut mill-Air Malta fosthom lift bil-ħsara | Magħluq | Privat | Air Malta | Lulju 2012 |
| 196* | Sussidju ta' kors *part-time* fl-MCAST | Magħluq | Gvern | MCAST | Ottubru 2011 |

## DJAR - ILMENTI MIS-SNIN TA' QABEL

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 197 | Il-ġirien tal-persuni b'diżabilità ma jaqblux li ssir rampa fil-parapett tal-komun | Diskuss | Privat | Privat | Ġunju 2010 |
| 198 | *Upgraded lift* mhux aċċessibbli | Diskuss | Privat | Privat | Awwissu 2010 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|

## DJAR - ILMENTI ĠODDA

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 199 | Applikazzjoni lill-Awtorità tad-Djar dwar tiswijiet u xiri ta' *stair lift* | Magħluq | Gvern | Awtorità tad-Djar | Novembru 2011 |
| 200* | Lift bi blokk ta' appartamenti ilu żmien twil bil-ħsara u persuna b'diżabilità spiċċat priġunier f'darha | Magħluq | Gvern | Awtorità tad-Djar | Jannar 2012 |
| 201* | Lift fi blokk ta' appartamenti ilu żmien twil bil-ħsara u persuna b'diżabilità spiċċat priġunier f'darha | Magħluq | Gvern | Awtorità tad-Djar | Jannar 2012 |
| 202 | Dewmien għall-għotja ta' post tal-Gvern fis-sular t'isfel | Magħluq | Gvern | Awtorità tad-Djar | Marzu 2012 |
| 203* | Passaġġ fi blokk tal-Awtorità tad-Djar imblukkat bil-bini ta' ċint | Magħluq | Gvern | Awtorità tad-Djar | Awwissu 2012 |
| 204 | Nuqqas ta' qbil mal-ġirien peress li l-entratura aċċessibbli fil-blokk tal-appartamenti tinżamm magħluqa minħabba s-sigurtà | Magħluq | Privat | Privat | Mejju 2012 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 205* | Ħtieġa li jsir poġġaman mat-taraġ fi blokk ta' appartamenti | Magħluq | Privat | Privat | Mejju 2012 |
| 206* | Oġġezzjoni mill-ġirien biex jixtri lift u jistallah fil-blokk ta' appartamenti fejn jgħix | Magħluq | Privat | Privat | Novembru 2011 |

## ASSIGURAZZJONI - ILMENTI MIS-SNIN TA' QABEL

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 207* | Diskriminazzjoni fil-kundizzjonijiet tal-*booking* u l-assigurazzjoni tal-ivvjaġġar | Magħluq | Privat | Britannia Services Ltd | Ġunju 2010 |

## ASSIGURAZZJONI - ILMENTI ĠODDA

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 208* | Diskriminazzjoni fil-polza tal-assigurazzjoni | Magħluq | Privat | Montaldo Insurance Agency | Mejju 2012 |
| 209 | Diskriminazzjoni fil-polza tal-assigurazzjoni | Magħluq | Privat | Captain Morgan Cruises | Lulju 2012 |

## TABELLA A

| **27.** | **SKEJJEL TAL-KOMPJUTER** |
|---|---|
| 1 | Compex Computer |
| 2 | Computer Domain |
| 3 | Electronic Products |
| 4 | Execu Train |
| 5 | Holistic Technologies |
| 6 | Horizon 2000 |
| 7 | Integrated Business Systems |
| 8 | ITIS |
| 9 | Key Training |
| 10 | Learn Key |
| 11 | Malta Institute for Computer Studies |
| 12 | STC Training |
| 13 | St Mark's |
| 14 | St Martin's |
| 15 | TCTC |
| 16 | Innovate Training Institute |
| 17 | Computime Ltd |
| 18 | Quantum Solutions |
| 19 | St Thomas |
| 20 | Future Focus |
| 21 | Euro Canadian Electronics Ltd |
| 22 | Educational Support Serv Ltd |
| 23 | Computer Advisory Service |
| 24 | Trigold Ltd |
| 25 | Success Malta Ltd |
| 26 | Learning & Development Centre |
| 27 | IT Studies Centre |
| 28 | Hi-Tex Computer Centre |
| 29 | Exor Computer Training Centre |

## TABELLA B

| 56. KNEJJES PARROKKJALI TA' GĦAWDEX | |
|---|---|
| 1 | Knisja ta' Għajnsielem |
| 2 | Knisja tal-Għarb |
| 3 | Knisja ta' Marsalforn |
| 4 | Knisja tal-Munxar |
| 5 | Knisja Tas-Sannat |
| 6 | Bażilika ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria |
| 7 | Katidral ta' Santa Marija fil-Belt Victoria |
| 8 | Knisja tal-Qala |
| 9 | Knisja tax-Xagħra |

# TABELLA Ċ

| 57. KNEJJES PARROKKJALI TA' MALTA | |
|---|---|
| 1 | Knisja tal-Birgu |
| 2 | Knisja San Ġużepp Ħaddiem f'Birkirkara |
| 3 | Knisja Sant'Antnin f'Birkirkara |
| 4 | Knisja ta' San Ġiljan |
| 5 | Knisja ta' Ħad-Dingli |
| 6 | Knisja ta' Ħal Luqa |
| 7 | Knisja ta' Ħal Tarxien |
| 8 | Knisja ta' Ħaż-Żabbar |
| 9 | Knisja ta' Ħaż-Żebbuġ |
| 10 | Knisja tal-Imġarr |
| 11 | Knisja tal-Isla |
| 12 | Knisja tal-Kalkara |
| 13 | Knisja tal-Manikata |
| 14 | Knisja tan-Naxxar |
| 15 | Knisja tar-Rabat |
| 16 | Knisja ta' Kristu Re f'Raħal Ġdid |
| 17 | Knisja tal-Madonna ta' Lourdes f'Raħal Ġdid |
| 18 | Knisja ta' San Pawl il-Baħar |
| 19 | Knisja ta' San Pawl tat-Tarġa |
| 20 | Knisja ta' Santa Luċija |
| 21 | Knisja tan-Nazzarenu f'Tas-Sliema |
| 22 | Knisja ta' San Girgor f'Tas-Sliema |
| 23 | Knisja ta' Stella Maris Tas-Sliema |
| 24 | Knisja tas-Swatar |
| 25 | Knisja Ta' Xbiex |
| 26 | Knisja ta' San Duminku fil-Belt Valletta |
| 27 | Knisja ta' San Franġisk ta' Putirjal fil-Belt Valletta |
| 28 | Knisja ta' Santu Wistin fil-Belt Valletta |
| 29 | Knisja tax-Xgħajra |
| 30 | Knisja taż-Żejtun |

KNPD

**Kummissjoni Nazzjonali**
**Persuni b'Diżabilità**

Bugeia Institute
Santa Venera
Telefown: 2278 8555
*Fax*: 2278 8490
*SMS*: 7978 8555
*Email*: helpdesk@knpd.org

**www.knpd.org**